*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta, Nru. 17,510, 28 ta’ Novembru, 2003*
*Taqsima B*

**A.L. 379 ta’ l-2003**

**ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)**

**Regolamenti ta’ l-2003 dwar il-Protezzjoni ta’ Ħaddiema fl-Industriji ta’ l-Estrazzjoni tal-Minerali permezz ta’ Driljar u ta’ Ħaddiema fl-Industriji ta’ l-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taħt l-Art, 2003**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 12 ta’ l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, wara konsultazzjoni ma’ l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** (1) It-titolu ta’ dawn ir-Regolamenti hu Regolamenti ta’ l-2003 dwar il-Protezzjoni ta’ Ħaddiema fl-Industriji ta’ l-Estrazzjoni tal-Minerali permezz ta’ Ddriljar u ta’ Ħaddiema fl-Industriji ta’ l-Estrazzjoni tal-Minerali Fuq u Taħt l-Art. Titolu, bidu fis-seħħ, u skop.

(2) Dawn ir-regolamenti, flimkien ma’ l-Annessi tagħhom għandhom jidħlu fis-seħħ -

(a) meta jiġu pubblikati għal kull post tax-xogħol li jintuża għall-ewwel darba wara l-bidu fis-seħħ tagħhom, u

(b) għal postijiet tax-xogħol li diġà jkunu qed jintużaw qabel il-pubblikazzjoni ta’ dawn ir-regolamenti, fl-1 ta’ Mejju, 2004.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li kull tibdil, estensjoni u, jew konverżjoni li ssir wara l-bidu fis-seħħ ta’ dawn ir-regolamenti tkun tħares ir-rekwiżiti stipulati fl-Annessi.

**2.** F’dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra - Tifsiriet.

Kap. 424. “l-Att” tfisser l-Att dwar l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol,

“Awtorità” tfisser l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol imwaqqfa permezz ta’ l-artikolu 8 ta’ l-Att;

“detonatur” tfisser apparat li jibda` process f’esplożiv li jkollu fih ammont ta’ esplożiv qawwi li jiġi mibdi permezz ta’ fjamma, xrara, nar, kurrent elettriku jew *shock tube*;

Kap. 33. “Disposizzjonijiet Ġenerali” tfisser ir-Regolamenti ta’ l-2003 dwar Disposizzjonijiet Ġenerali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq Positjiet tax-Xogħol;

“esplożiv” għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtja lilha fl-Ordinanza dwar l-Esplożivi;

“industriji ta’ estrazzjoni tal-minerali permezz ta’ ddriljar” tfisser kull industrija li tagħmel estrazzjoni, fis-sens strett tal-frażi, ta’ minerali permezz ta’ ddriljar bil-boreholes, tiftix bl-iskop ta’ din l-estrazzjoni jew preparazzjoni ta’ materjali estratti għall-bejgħ, fl-aħħar każ esklużi l-attivitajiet ta’ pproċessar ta’ materjal estratt;

“industriji ta’ l-estrazzjoni tal-minerali fuq u taħt l-art” tfisser kull industrija li twettaq estrazzjoni fuq jew taħt l-art, fis-sens strett tal-kelma, ta’ minerali, tiftix bi skop ta’ din l-estrazzjoni jew preparazzjoni ta’ materjal estratt għall-bejgħ, fl-aħħar każ dan ma jinkludix l-attivitajiet ta’ pproċessar tal-materjal estratt u f’kull każ l-industriji ta’ estrazzjoni tal-minerali permezz ta’ ddriljar huma esklużi;

“shotfirer” tfisser persuna maħtura b’mod konformi mar-regolament 4 (3)(ii), l-Anness IV, li jkun responsabbli għall-operazzjonijiet ta’ shotfiring;

“post ta’ tħaffir” tfisser kull post f’barrieri fejn jiġu jew fejn ġew estratti minerali u tinkludi l-art, l-uċuh jew ġnub tal-barriera u kull inklina oħra;

“misfiring” tfisser, filwaqt li tkun qed issir splużjoni, meta ttestjar qabel l-isplużjoni juri kontinwità miksura li ma tistax titranġa jew meta splużjoni jew xi biċċa minn splużjoni ma sseħħx wara tentattiv biex issir l-isplużjoni;

"Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiem" u "Rappreżentant" ifissru r-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema maħtur permezz ta' l-artikolu 6(4) ta' l-Att;

"xogħol fil-barrieri" għandha l-istess tifsira mogħtija f'dawn ir-regolamenti lill-industriji ta' estrazzjoni tal-minerali fuq u taħt l-art u teskudi kull xogħol imwettaq fuq toroq pubbliċi u kull tħaffir bl-iskop jew jew li għandu x'jaqsam ma' l-estrazzjoni ta' dawn il-minerali fejn l-iskop esklussiv ta' dik l-estrazzjoni hu sabiex il-minerali estratti b'dan il-mod ikunu jistgħu jintużaw għall-iskop tat-twettiq ta' xi xogħol ta' bini, inġinerija ċivili jew kostruzzjoni ta' inġinerija fil-post fejn saret l-estrazzjoni.

Applikabilità ta' l-annessi.

**3.** L-obbligazzjonijiet stipulati fl-Annessi ma' dawn ir-regolamenti japplikaw kull meta l-karatteristiċi tal-post xogħol, l-attività, iċ-ċirkostanzi jew riskju speċifiku jkunu jeħtieġu hekk u jkunu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ġenerali tad-disposizzjonijiet ta' l-Att jew tad-Disposizzjonijiet Ġenerali.

Obbligazzjonijiet ġenerali.

**4.** Fit-twettiq tal-prinċipji stipulati taħt l-artikolu 6 ta' l-Att u taħt ir-regolament 4 tad-Disposizzjonijiet Ġenerali, għandu jkun d-dmir ta' min iħaddem li jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li:

(a) il-postijiet tax-xogħol ikunu mfassla, fabbrikati, armati, kummissjonati, operati u mantenuti b'tali mod li l-ħaddiema jkunu jistgħu jwettqu x-xogħol mogħti lilhom mingħajr ebda periklu għas-saħħa u s-Sigurtà tagħhom u, jew għas-saħħa u s-Sigurtà ta' xi ħaddiema oħrajn;

(b) l-operazzjoni tal-postijiet tax-xogħol meta jkun hemm ħaddiema sseħħ taħt is-superviżjoni ta' persuna inkarigata;

(c) xogħol li jinvolvi risku speċjali jingħata biss lil ħaddiema kompetenti u jitwettaq skond l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem;

(d) l-informazzjoni, l-istruzzjoni, it-taħriġ u s-superviżjoni kollha tingħata b'tali mod li tinftiehem mill-ħaddiema involuti kollha;

(e) jingħataw il-faċilitajiet meħtieġa ta' l-ewwel għajnuna;

(f) isiru eżerċizzji tas-Sigurtà b'intervalli regolari.

Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**5.** (1) Min iħaddem għandu jipprepara u jżomm aġġornat Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

(2) Għandu jitlesta qabel il-bidu tax-xogħol u jiġi rivedut jekk il-postijiet tax-xogħol isirilhom xi tibdil, estensjonijiet jew konverżjonijiet kbar.

(3) Fih għandu jkun hemm:

(a) stima tar-riskji għas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol;

(b) deskrizzjoni tal-miżuri protettivi li jkunu ttieħdu;

(c) dikjarazzjonijiet li d-disinn, l-użu u l-manutenzjoni tal-post tax-xogħol u tat-tagħmir huma mingħajr riskju;

(d) rapporti dwar l-aċċidenti li jiġru lill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol;

(e) kull informazzjoni maħruġa minn miżuri protettivi u preventivi u, jew mill-Awtorità;

(f) kull informazzjoni meħtieġa minn xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti;

(g) dettalji dwar l-istruttura ta' ġestjoni u ta' Awtorità u dmirijiet ta' kull persuna fl-istruttura ta' ġestjoni;

(h) dettalji dwar is-sistema ta' permessi għax-xogħol speċifikata fir-regolament 7, Anness 1.

(4) Id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà għandu jkun disponibbli għar-Rappreżentant għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiem imsemmi fl-artikolu 6 (4) ta' l-Att jew għal kull persuna oħra b'funzjonijiet speċifiċi fil-protezzjoni tas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema.

Ħaddiema minn diversi kumpaniji.

**6.** (1) Meta jkun hemm ħaddiema minn diversi kumpaniji jew impriżi fl-istess post tax-xogħol, kull min iħaddem għandu jkun responsabbli għall-affarjiet kollha taħt il-kontroll tiegħu.

(2) Dik il-persuna li tħaddem li tkun responabbli għall-post tax-xogħol għandha tikkoordina l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha tas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema u għandha tiddikjara, fid-Dokument

tas-Saħħa u s-Sigurtà, l-iskop ta' dik il-kordinazzjoni u l-miżuri u l-proċeduri għall-implimentazzjoni tagħha.

(3) Il-koordinazzjoni ma' għandhiex tolqot ir-responsabbiltajiet stipulati fl-Att għal kull persuna li tħaddem.

**7.** Min iħaddem għandu jieħu miżuri u prewkawzjonijiet adatti skond ix-xorta ta' l-operazzjoni involuta sabiex jevita, u jipprevjeni li ssir splużjoni u, jew li jkun hemm xi atmosferi li huma ta' periklu għas-saħħa. Protezzjoni minn splużjonijiet, nirien eċċ.

**8.** Min iħaddem għandu jkollu u jżomm miżuri xierqa ta' ħrib u salvataġġ sabiex il-ħaddiema jkollhom opportunitajiet xierqa li jħallu l-post tax-xogħol malajr u mingħajr riskju fl-każ ta' periklu. Faċilitajiet ta' ħrib u salvataġġ.

**9.** Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jsiru minnufih l-operazzjonijiet meħtieġa ta' twissija jekk ikun hemm bżonn. Sistemi ta' twissija u alarm.

**10.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-artiklu 6 (3) tal-Att, min iħaddem għandu jinforma lir-Rappreżentant u lill-ħaddiema bil-miżuri kollha li jridu jittieħdu dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol, u partikolarment dwar dawk li jirrigwardaw l-implimentazzjoni tar-regolamenti 5 sa 11. Informazzjoni għall-ħaddiema.

(2) L-informazzjoni għandha tkun tali li tinftiehem mill-ħaddiema kollha involuti.

**11.** (1) Kull ħaddiem għandu jagħmel eżami mediku qabel ma jingħata xi dmir kopert minn dawn ir-regolamenti u dan l-eżami għandu jitħallas għalih minn min iħaddem. Eżamijiet mediċi.

(2) Wara, l-eżamijiet mediċi għandhom isiru b'intervalli regolari.

**12.** (1) Ir-Rappreżentent għandu jiġi kkonsultat b'mod konformi ma' l-Artikolu 6 (4) ta' l-Att u mar-regolament 13 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali. Ir-Rappreżentant tal-Haddiema għas-Sahha u s-Sigurtà.

(2) Ir-Rappreżentant għandu d-dritt jitlob lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa, u d-dritt li jagħtih proposti għal dak l-iskop, sabiex jitnaqqsu l-perikli għall-ħaddiema u, jew jitneħħew is-sorsi ta' periklu.

(3) Ir-Rappreżentant ma' għandux ikun żvantaġġat minħabba l-attivitajiet tiegħu.

Estrazzjoni tal-minerali bil-gangmu.

**13.** Dawn ir-regolamenti ma' għandhomx japplikaw lill-estrazzjoni tal-minerali bil-gangmu sakemm tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema involuti, skond il-prinċipji ġenerali tas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema speċifikati f'dawn ir-regolamenti, filwaqt li jitqiesu r-riskji speċifiċi involuti fl-estrazzjoni tal-minerali bil-gangmu.

## Anness I

### Rekwiżiti li japplikaw għal:

- oqsma fuq l-art u fuq il-baħar ta' l-industriji ta' l-estrazzjoni tal-minerali permezz ta' ddrilljar; u

- industriji ta' l-estrazzjoni tal-minerali fuq u taħt l-art; u

- stallazzjonjiet sekondarji fuq l-art

Ġenerali.

**1.** (1) Il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu organizzati b'tali mod li joffru l-protezzjoni xierqa kontra l-perikli.

(2) Għandhom jinżammu f'kundizzjoni nadifa, u jitneħħew jew jiġu kkontrollati sustanzi jew depożiti perikolużi sabiex ma jkunx hemm xi periklu għas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema.

(3) Il-postijiet tax-xogħol għandhom jiġu mfassla u fabbrikati skond prinċipji ergonomiċi b'kunsiderazzjoni tal-bżonn tal-ħaddiema li jaraw x'qed isir fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

(4) Wesgħat fejn hemm riskju speċjali għandhom jiġu mmarkati u għandhom jitpoġġew sinjali ta' twissija.

(5) Fejn postijiet tax-xogħol ikollhom ħaddiem wieħed waħdu, għandu jkun hemm superviżjoni jew mezzi ta' kommunikazzjoni xierqa.

Superviżjoni fuq il-postijiet tax-xogħol.

**2.** (1) F'kull ħin meta ikun hemm ħaddiema fuq post tax-xogħol, dan il-post tax-xogħol għandu jkun taħt il-kontoroll u superviżjoni ta':

(a) persuna risponsabbli li għandha l-abbiltajiet u l-kompetenza meħtieġa għal dan id-dmir, skond xi liġi oħra li tirregola dawn id-dmirijiet, u li tkun inħatret minn min iħaddem; jew

(b) min iħaddem jekk għandu l-abbiltajiet u l-kompetenza hawn qabel.

(2) Fejn meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, superviżur għandu jdur l-postijiet tax-xogħol għall-anqas darba kull shift.

**3.** Fejn hemm ħaddiema fuq xi post tax-xogħol, għandu jkun hemm għadd biżżejjed ta' ħaddiema bl-abbiltajiet, esperjenza u stħarriġ rekwiżiti sabiex iwettqu d-dmirjiet assenjati lilhom. Ħaddiema kompetenti.

**4.** Il-ħaddiema għandhom jingħataw l-informazzjoni, l-istruzzjonijiet, l-istħarriġ u l-istħarriġ għal darb'oħra meħtieġa sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-Sigurtà tagħhom. Informazzjoni, struzzjonijiet u taħriġ.

**5.** Għandhom jinkibtu struzzjonijiet għal kull post tax-xogħol bi speċifikazzjoni tar-regoli li għandhom jitħarsu sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema u l-użu mingħajr perikli tat-tagħmir u inkluża l-informazzjoni dwar l-użu ta' tagħmir ta' emerġenza u dwar liema azzjoni għandha tittieħed fil-każ ta' emerġenza fi jew viċin il-post tax-xogħol. Struzzjonijiet bil-miktub.

**6.** Għandhom jintużaw metodi ta' xogħol mingħajr riskji f'kull post tax-xogħol jew fir-rigward ta' kull attività. Metodi ta' hidma mingħajr periklu.

**7.** (1) Fejn rekwiżit mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, min iħaddem għandu jdaħħal sistema ta' permessi għax-xogħol għat-twettiq: Permessi tax-xogħol.

(a) ta' attivitajiet perikolużi; u

(b) ta' attivitajiet li s-soltu huma mingħajr tifxkil iżda li jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' attvitajiet oħrajn sabiex joħolqu xi perikli serji

(2) Il-permessi għax-xogħol għandhom jinħarġu minn persuna inkarigata qabel il-bidu tax-xogħol u għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li għandhom jittieħdu qabel, waqt u wara x-xogħol.

**8.** Min iħaddem għandu jiżgura li l-miżuri li ttieħdu għall-protezzjoni tas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, inkluża s-sistema ta' ġestjoni tas-saħħa u s-Sigurtà, jiġu reviżati regolarment sabiex jiġi żgurat l-ħarsien ta' dawn ir-regolamenti. Reviżjoni tal-miżuri.

**9.** (1) L-għażla, l-istallazzjoni, il-kummissjunar, l-operazzjoni u l-manutenzjoni ta' tagħmir mekkaniku u elettriku għandhom isiru filwqt li jitqiesu sew is-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema, fil-qies ta' dispożizzjonijiet oħrajn ta' dawn ir-Regolamenti. Tagħmir mekkaniku u elettriku. L.N. 44 ta' l-2002.

(2) Jekk dan it-tagħmir ikun f'wesgħa fejn ikun hemm jew fejn aktarx hemm riskju ta' nar jew ta' splużjoni minn qbid ta' gass, fwar jew likwidu volatili, dan għandu jkun adatt skond dik il-wesgħa.

(3) Jekk meħtieġ, it-tagħmir għandu jkollu apparat protettiv u sistemi kontra l-ħsara adatti.

**10.** (1) Tagħmir u impjanti mekkaniċi għandhom ikunu b'saħħithom u ħielsa minn kull difett ta' fabbrikazzjoni u tajbin għall-iskop ta' l-użu maħsub tagħhom.

(2) Tagħmir u impjanti elettriċi għandhom ikunu ta' daqs u saħħa biżżejjed għall-iskop ta' l-użu maħsub tagħhom.

Manutenzjoni tat-tagħmir.

**11.** Tagħmir u stallazzjonijiet mekkaniċi u elettriċi għandhom ikunu stallati u protetti b'tali mod li jipprevjenu l-periklu.

**12.** (1) Min jimpjega għandu jwaqqaf skema li tipprovdi għal eżami sistematiku, il-manutenzjoni u, fejn hu propizju, l-ittestjar mekkaniku w elettriku tal-apparat u l-impjant.

(2) Kull manutenzjoni, eżami u ttestjar ta' xi biċċa ta' l-impjant u tat-tagħmir għandhom jitwettqu biss minn persuna kompetenti.

(3) Min iħaddem għandu jżomm records ta' dawn l-eżaminijiet u testijiet.

**13.** Tagħmir għas-Sigurtà xieraq għandu jinżamm f'kundizzjoni tajba għall-użu f'kull ħin, filwaqt li jitqiesu sew l-operazzjonijiet.

Atmosferi ta' dannu u riskji ta' splużjonijiet.

**14.** (1) Għandhom jittieħdu miżuri għall-istima tal-preżenza fl-atmosfera ta' sustanzi li jagħmlu ħsara u, jew li huma potenzjalment esplożivi u għat-tkejjil tal-konċentrazzjoni ta' dawn is-sustanzi.

(2) Fejn hu meħtieġ, mid-Dokument tas-Saħħa w is-Sigurtà, għandu jiġi provdut, apparat tal-monitorraġġ li jkejjel il-konċentrazzjonijiet ta' xi gass f'postijiet speċifikati b'mod awtomatiku w kontinwu, kif ukoll allarmi awtomatiċi u apparat biex awtomatikament jaqta' l-kurrent minn stallazzjonijiet elettriċi u makni b'kombustjoni interna.

(3) Fejn ikunu provduti xi tikjil awtomatiku, dan għandu jiġi mniżżel b'record u miżmum, kif inhu stipulat fid-Dokument tas-Saħħa w is-Sigurtà.

**15.** (1) Meta sustanzi perikolużi jinġabru jew jistgħu jinġabru fl-arja, għandhom jittieħdu miżuri adatti sabiex jiġu żgurat li:

Akkumulazzjoni ta' sustanzi dannużi.

(a) jitwaqqfu fis-sors jew

(b) l-estrazzjoni u tneħħija tagħhom issir fis-sors jew

(c) il-ġbir ta' dawn is-sustanzi.

(2) Is-sistema trid tkun kapaċi tifrex din l-atmosfera perikoluża b'mod li jitneħħew ir-riskji lill-ħaddiema.

**16.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali, 2002, tagħmir għat-teħid tan-nifs u għar-riżuxxittar f'emerġenza xieraq u tajjeb għandu jkun disponibbli f'wesgħat fejn il-ħaddiema huma esposti għal atmosferi li huma ta' ħsara lis-saħħa.

Tagħmir tan-nifs.

(2) F'dawn il-każijiet, għandu jkun hemm fuq il-post tax-xogħol għadd biżżejjed ta' ħaddiema mistħarrġa fl-użu ta' dan it-tagħmir.

(3) It-tagħmir għandu jinħażen u jiġi miżmum b'mod xieraq.

(4) Fejn fl-atmosfera jkun hemm sulfid ta' l-idroġenu jew gassijiet tossiċi oħrajn, għandu jkun hemm għad-dispożizzjoni ta' l-Awtorità pjan ta' protezzjoni bit-dettalji kollha tat-tagħmir protettiv disponibbli u tal-miżuri preventivi li jkunu ttieħdu.

**17.** (1) Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ma jsirux u ma jinġabrux atmosferi esplożivi.

Prevenzjoni mir-riskji ta' splużjonijiet.

(2) F'wesgħat fejn hemm riskju ta' splużjoni, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għall-prevenzjoni tal-qbid ta' atmosferi esplożivi.

(3) Għandu jitlesta u jiġi inkluż pjan ta' prevenzjoni ta' splużjoni b'dettalji dwar it-tagħmir u l-miżuri meħtieġa fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**18.** (1) Passaġġi u ħruġ ta' emerġenza għandhom jibqgħu sgumbrati u għandhom iwasslu, bl-aktar mod dirett possibbli, għall-beraħ jew għal wesgħa, punt ta' laqgħa jew punt ta' evakwazzjoni mingħajr perikli.

Rotot u punti ta' ħruġ f'emerġenza.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li, fil-każ ta' periklu, il-ħaddiema jkunu jistgħu jevakwaw il-postijiet tax-xogħol malajr kemm jista' jkun u mingħajr perikli.

(3) L-għadd, it-tqassim u d-daqs tal-passaġġi u ħruġ ta' emerġenza jiddependu fuq l-użu, it-tagħmir u d-daqs tal-postijiet tax-xogħol u l-akbar numru ta' nies li jista' jkun hemm.

(4) L-akkommodazzjoni u l-kmamar ta' mistrieħ għandu jkollhom għall-anqas żewġ passaġġi ta' emerġenza separati il-bogħod kemm jista' jkun minn xulxin u li jkunu jwasslu għal wesgħa, punt ta' laqgħa jew punt ta' evakwazzjoni mingħajr perikli.

Bibien ta' emerġenza.

**19.** (1) Bibien ta' emerġenza għandhom jinfetħu 'l barra jew, jekk dan mhux possibbli, għandhom ikunu bibien li jiżżerżqu biex jinfetħu.

(2) Ma' għandhomx jissakkru b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu faċilment u malajr minn xi persuna li jkollha bżonn tużhom fil-każ ta' emerġenza.

Rotot u punti ta' ħruġ indikati bis-sinjali.

**20.** (1) Passaġġi u ħruġ ta' emerġenza għandhom ikunu indikati b'sinjali skond ir-Regolamenti ta' l-2002, dwar il-Post tax-Xogħol (Sinjali għas-Saħħa u s-Sigurtà).

(2) Passaġġi u ħruġ ta' emerġenza li għandhom bżonn dawl għandu jkollhom dawl ta' emerġenza qawwi biżżejjed fil-każ ta' nuqqas ta' dawl.

**21.** (1) Bibien ta' emerġenza ma' għandux ikollhom ostakli għall-ftuħ.

(2) Il-passaġġi u l-ħruġ ta' emerġenza, u l-passaġġi u l-bibien tat-traffiku li jagħtuhom aċċess għandhom ikunu ħielsa minn kull ingumbrar sabiex ikunu jistgħu jintużaw f'kull ħin mingħajr tfixkil.

Ventilazzjoni ta' spazji fil-magħluq.

**22.** (1) Għandhom jittieħdu passi sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed arja friska fil-postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, b'kunsiderazzjoni tal-metodi tax-xogħol li jintużaw kf ukoll l-isforzi fiżiċi tal-ħaddiema.

(2) Jekk tintuża sistema ta' ventilazzjoni furzata, din għandha tinżamm f'kundizzjoni operattiva tajba.

(3) Kull ħsara għandha tiġi indikata minn sistema ta' kontroll fejn din tkun meħtieġa għas-saħħa tal-ħaddiema.

Arja kkundizzjonata u ventilazzjoni mekkanika.

**23.** (1) Jekk jintużaw sistemi ta' air-conditioning jew ta' ventilazzjoni mekkanika, għandu jiġi żgurat li dawn jaħdmu b'tali mod li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal żiffi skomdi.

(2) Kull depożitu jew ħmieġ li aktarx twassal għal periklu immedjat lis-saħħa tal-ħaddiema billi jniġġes l-atmosfera għandu jitneħħa malajr kemm jista' jkun.

**24.** (1) Fis-sigħat tax-xogħol, it-temperatura fil-kmamar tal-postijiet tax-xogħol għandha tkun xierqa għan-nies, b'kunsiderazzjoni tal-metodi ta' xogħol li qed jintużaw kif ukoll ta' l-isforzi fiżiċi tal-ħaddiema.

Temperatura tal-kamra.

(2) It-temperatura fil-kmamar ta' mistrieħ, il-kmamar għall-impjegati fuq ix-xogħol, il-faċilitajiet sanitarji, il-canteens u l-kmamar ta' l-ewwel għajnuna għanda tkun waħda xierqa għall-iskop partikolari ta' dawn il-wesgħat.

(3) Twieqi, loċċijiet u separazzjonijiet tal-ħġieġ għandhom ikunu tali li l-effetti eċċessivi tad-dawl tax-xemx ikunu jistgħu jiġu evitati, filwaqt li titqies ix-xorta tax-xogħol u tal-post tax-xogħol.

**25.** (1) Il-paviment tal-postijiet tax-xogħol ma' għandux ikollu daqqiet, ħofor jew telgħat perikolużi u għandu jkunu stabbli u mhux jiżloq.

L-art, hitan, soqfa u bjut.

(2) Postijiet tax-xogħol fejn jaħdmu n-nies għandhom ikunu insulati tajjeb kontra s-sħana, b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' impriża involuta u l-attività fiżika tal-ħaddiema.

(3) L-uċuh ta' l-paviment, tal-ħitan u tas-soqfa fil-kmamar għandhom ikunu tali li jistgħu jitnaddfu jew jiġu rranġati għal livell adatt ta' iġene.

(4) Ħitan trasparenti jew kważi trasparenti, b'mod partikolari is-separazzjonijiet tal-ħġieġ kollha, fi kmamar jew ħdejn postijiet tax-xogħol u l-passaġġi tat-traffiku għandhom ikunu indikati b'mod ċar u magħmula minn materjali ta' sigurtà jew ikunu protetti minn dawn il-postijiet jew passaġġi tat-traffiku sabiex il-ħaddiema ikunu prevenuti milli jkollhom kuntatt ma' ħitan jew milli jweġġgħu fil-każ li l-ħitan jinkisru.

(5) L-aċċess għall-bjut magħmulin minn materjali mhux b'saħħithom biżżejjed ma' għandux ikun permess sakemm jingħata tagħmir sabiex il-ħaddiem ikun jista' jwettaq ix-xogħol mingħajr perikli.

**26.** (1) Kull post tax-xogħol għandu jkollu dawl li jista' jdawwal biżżejjed sabiex jiġu żgurati s-saħħa u s-sigurtà tal-persuni li jkunu qegħdin fih.

Dawl naturali u artifiċjail.

(2) Il-postijiet tax-xogħol għandu jkollhom, sa' fejn hu possibbli, biżżejjed dawl naturali u għandhom ikunu armati b'dawl artifiċjali adatt, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet klimatiċi, għall-ħarsien tas-saħħa u s s-sigurtà tal-ħaddiema.

(3) L-apparat ta' dawl f'postijiet tax-xogħol u fil-passaġġi għandhom jitqiegħdu b'tali mod li t-tip ta' dawl ma jkunx ta' riskju għall-ħaddiema.

(4) Postijiet tax-xogħol fejn il-ħaddiema huma partikolarment esposti għal riskji fil-każ ta' ħsara fid-dawl artifiċjali għandu jkollhom dawl ta' emerġenza ta' biżżejjed intensità jew, jekk dan mhux possibbli, il-ħaddiema għandhom jingħataw lampi personali.

(5) L-apparat tad-dawl għandu jitfassal sabiex jiżgura li postijiet ta' kontroll operazzjonali, passaġġi ta' emerġenza, wesgħat ta' imbarkazzjoni u wesgħat perikolużi jibqgħu mdawwla.

(6) Jekk postijiet tax-xogħol ikollhom in-nies biss ta' xi kultant, l-obbligazzjoni msemmija fil-paragrafu (5) hija ristretta għal dak iż-żmien fejn ikun hemm ħaddiema.

Twieqi u soqfa tal-ħġieġ.

**27.** (1) Twieqi, loċċijiet u apparat ta' ventilazzjoni li jistgħu jinfetħu, jiġu aġġustati jew imsakkra għandhom jitfasslu b'tali mod li dawn l-operazzjonijiet ikunu jistgħu jitwettqu mingħajr periklu.

(2) Dawn għandhom jitqiegħdu fejn ma jkunux ta' periklu lill-ħaddiema meta jkunu miftuħin.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li twieqi u soqfa tal-ħġieġ jistgħu jitnaddfu mingħajr periklu.

Bibien u xtiebi.

**28.** (1) Il-pożizzjoni, l-għadd u d-daqs ta' bibien u xtiebi, u l-materjali li jintużaw fil-fabbrikazzjoni tagħhom, ikunu stabbiliti skond ix-xorta u l-użu tal-kmamar jew postijiet.

(2) Bibien trasparenti għandhom ikunu mmarkati kif xieraq f'livell fejn jidher.

(3) Bibien u xtiebi bil-molla li jiddendlu għandhom ikunu trasparenti jew ikollhom pannelli trasparenti.

(4) Jekk uċuħ trasparenti jew li huma kważi trasparenti f'bibien u xtiebi ma' humiex magħmulin minn materjal ta' sigurtà u jekk ikun hemm periklu li l-ħaddiema jistgħu jweġġgħu jekk bieb jew xatba jitfarrku, l-uċuħ għandhom jiġu protetti kontra l-ksur.

(5) Bibien li jiżżerżqu għandhom jiġu armati b'apparat ta' sigurtà sabiex ma jinqalgħux minn posthom u jaqgħu meta mhux mistenni.

(6) Bibien u xtiebi li jinfetħu 'l fuq għandhom jiġu armati b'mekkaniżmu li ma jħallihomx jaqgħu meta mhux mistenni.

(7) Bibien tul il-passaġġi ta' emerġenza għandhom ikunu mmarkati kif xieraq u min iħaddem għandu jiżgura li jkun possibbli li jinfetħu minn ġewwa f'kull ħin mingħajr xi għajnuna speċjali kif ukoll meta l-postijiet tax-xogħol ikunu okkupati.

**29.** (1) Għandu jkun hemm bibien għan-nies ħdejn xi xtiebi maħsubin l-aktar għall-vetturi, sakemm mhux perikoluż li n-nies jgħaddu minnhom.

(2) Dawn il-bibien għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar u qatt ma'għandu jkun hemm xi ostakolu.

**30.** Min iħaddem għandu jiżgura li bibien u xtiebi mekkaniċi:

(a) jaħdmu mingħajr riskju ta' aċċident lill-ħaddiema:

(b) ikunu armati b'apparat ta' għeluq fil-każ ta' emerġenza aċċessibbli u li jista' faċilment jiġi identifikat u, sakemm ma jinfetħux waħedhom fil-każ ta' nuqqas ta' dawl, jistgħu ukoll jinfetħu manwalment.

**31.** Fejn jintużaw ktajjen jew apparat simili f'xi post, dawn għandhom jidhru b'mod ċar u jkunu faċilement identifikabbli permezz ta' avviżi li javżaw dwar xi projbizzjoni jew twissija. Ktajjen, mezzi li jipprevenu l- aċċess.

**32.** (1) Għandu jkun possibbli li wieħed jasal sal-postijiet tax-xogħol mingħajr periklu u jħallihom malajr u mingħajr riskji fil-każ ta' emerġenza. Rotot tat-traffiku.

(2) Passaġġi għat-traffiku, inklużi taraġ, slielem fissi u daħliet u rampi ta' tgħobbija għandhom jitqiegħdu, ikollhom qisien, u jiġu kalkulati sabiex jiżguraw, aċċess faċli, xieraq u mingħajr periklu għan-nies jew vetturi b'tali mod li n-nies li qed jaħdmu ħdejn dawn il-passaġġi għat-traffiku ma jsibux ruħhom f'xi periklu.

**33.** (1) Passaġġi għan-nies u\jew oġġetti għandu jkollhom qisien skond l-għadd ta' utenti potenzjali u t-tip ta' kumpanija jew impriża.

(2) Jekk il-passaġġi għat-traffiku jintużaw għal vetturi, għandu jkun hemm biżżejjed post ta' sigurtà għan-nies.

**34.** Għandu jkun hemm biżżejjed post bejn il-passaġġi għat-traffiku tal-vetturi u bibien, xtiebi, passaġġi għan-nies, kurituri u taraġ.

**35.** Passaġġi u aċċessi tat-traffiku għandhom ikunu identifikati b'mod ċar għall-protezzjoni tal-ħaddiema.

Regolamenti tat-traffiku.

**36.** Jekk vetturi jew magni jidħlu fil-postijiet tax-xogħol, għandhom jiġu stabbiliti regolamenti tat-traffiku kif meħtieġ.

Zoni perikolużi.

**37.** Jekk il-postijiet tax-xogħol għandhom fihom wesgħat ta' periklu li fihom hemm, minħabba x-xorta tax-xogħol, riskji inkluż li l-ħaddiem jew xi oġġett jaqa', il-postijiet għandhom ikunu armati, sa' fejn ikun possibbli, b'apparat li jipprojbixxi d-dħul għal dawk il-postijiet minn ħaddiema mhux awotrizzati.

**38.** (1) Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema awtorizzati li jidħlu f'postijiet ta' periklu.

(2) Wesgħat ta' periklu għandhom ikunu indikati b'mod ċar.

Kmamar tax-xogħol.

**39.** Kmamar tax-xogħol għandhom ikollhom biżżejjed spazju, għoli u arja sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jwettqu x-xogħol tagħhom mingħajr riskju lis-sigurtà, saħħa jew kundizzjoni tagħhom.

**40.** Il-qisien tal-postijiet mingħajr nies fil-post tax-xogħol għandhom iħallu biżżejjed ħelsien għaċ-ċaqliq tal-ħaddiema u jħalluhom iwettqu x-xogħol tagħhom mingħajr periklu.

Kmamar tal-mistrieħ.

**41.** (1) Fejn, b'mod partikolari minħabba t-tip ta' attività mwettqa jew minħabba l-preżenza ta' aktar minn numru speċifiku ta' ħaddiema, is-saħħa jew sigurtà tal-ħaddiema teħtieġ, il-ħaddiema għandhom jingħataw aċċess faċli għal kamra tal-mistrieħ.

(2) Il-kmamar tal-mistrieħ għandhom ikunu kbar biżżejjed u jkunu armati b'għadd xieraq ta' mwejjed u postijiet bid-dahar skond kemm ikun hemm ħaddiema.

(3) Jekk is-sigħat tax-xogħol jiġu interrotti regolarment u ta' spiss, għandu jkun hemm kmamar oħrajn fejn il-ħaddiema jistgħu joqogħdu tul dawn il-waqfiet, kull meta dan ikun meħtieġ għas-saħħa u Sigurtà tal-ħaddiema.

(4) Fil-kmamar tal-mistrieħ, jew f'kull kamra oħra li taqa' taħt il-paragrafu (3), għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni ta' nies li ma jpejpux kontra l-iskumdità tad-duħħan tat-tabbakk.

(5) Dan ir-regolament ma japplikax jekk il-ħaddiema jaħdmu f'uffiċji jew kmamar tax-xogħol simili fejn hemm serħan indaqs waqt il-pawsi.

**42.** (1) Postijiet tax-xogħol, passaġġi għat-traffiku u wesgħat jew stallazzjonijiet oħrajn li jintużaw jew li huma okkupati mill-ħaddiema waqt l-attività tagħhom għandhom ikunu organizzati b'tali mod li n-nies u l-vetturi jistgħu jiċċirkolaw mingħajr perikli. Postijiet tax-xogħol fuq barra.

(2) Postijiet tax-xogħol fil-beraħ għandu jkollhom dawl artifiċjali xieraq jekk id-dawl naturali ma jkunx xieraq.

(3) Meta ħaddiema jaħdmu f'postjiet tax-xogħol fil-beraħ, dawn il-postijiet tax-xogħol għandhom jitqiegħdu b'tali mod li l-ħaddiema:

(a) ikunu protetti minn kundizzjonijiet klimatiċi perikolużi u, fejn meħtieġ, minn oġġetti li jaqgħu;

(b) ma jkunux esposti għal livelli ta' storbju li jagħmlu l-ħsara jew għal influwenzi esterni li jagħmlu l-ħsara, bħal gassijiet, fwar jew trabijiet;

(c) jkunu jistgħu jħallu l-post tax-xogħol tagħhom malajr fl-każ ta' periklu jew ikunu jistgħu jiġu megħjuna malajr;

(d) ma jkunux jistgħu jiżolqu jew jaqaw.

**43.** Nisa tqal u ommijiet bit-trabi għandhom jingħataw il-faċilitajiet sabiex ikunu jistgħu jimteddu għall-mistrieħ taħt kundizzjonijiet xierqa. Nisa tqal.

**44.** (1) Jekk meħtieġ, postijiet tax-xogħol għandhom ikunu organizzati b'kunsiderazzjoni għal ħaddiema b'diżabiltà skond il-pubblikazzjoni Access for All – Design Guidelines ippubblikata mill-Kummssjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Access for All / Design Guideline.

(2) Din id-dispożizzjoni tapplika b'mod partikolari għall-bibien, passaġġi, taraġ, doċċi, sinkijiet, latrini u postijiet tax-xogħol użati jew okkupati direttament minn persuni b'diżabilità.

## Anness II

### Rekwiżiti speċjali li japplikaw għall-qasam ta' fuq l-art

Konsiderazzjoni ta' forzi ambjentali.

**1.** (1) Il-postijiet tax-xogħol għandhom jitfasslu, jiġu ffabbrikati, eretti, operati, sorveljati u miżmuma sabiex jifilħu l-forzi ambjentali mbassra.

(2) Għandu jkollhom struttura u solidità xierqa għax-xorta ta' użu li jsir minnhom.

Sejbien u tifi tan-nar.

**2.** (1) Kull meta jitfasslu postijiet tax-xogħol, jew dawn jiġu fabrikati, armati, kkummissjonati, operati jew miżmuma, għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-prevenzjoni kontra n-nar u tat-tixrid ta' nirien mis-sorsi identifikati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

(2) It-tifi effettiv u malajr tan-nar għandu jkun possibbli.

**3.** (1) Postijiet tax-xogħol għandhom ikunu armati bit-tagħmir xieraq għat-tifi tan-nar u, kif meħtieġ, b'apparat li jinduna b'nar u sistemi ta' twissija.

(2) Tagħmir tat-tifi tan-nar mhux awtomatiku għandu jkun faċilment aċċessibbli u faċli biex jintuża u, fejn meħtieġ, protett mill-ħsara.

(3) Fil-post tax-xogħol għandu jkun hemm pjan ta' protezzjoni min-nar b'dettalji dwar il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu, skond ir-regolamenti 5 sa' 11 tal-Parti II ta' dawn ir-regolamenti, għall-protezzjoni, tagħrif u tifi tal-qbid u t-tixrid ta' nirien.

Tagħmir ta' tifi tan-nar.

(4) It-tagħmir ta' tifi tan-nar għandu jkun indikat b'sinjali li jservu għal żmien twil f'postijiet xierqa, skond ir-regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Kontroll mill-bogħod f'emerġenzi.

**4.** (1) Fejn meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, xi tagħmir għandu jkun jista' jitħaddem mill-bogħod minn postijiet xierqa fil-każ ta' emerġenza.

(2) Dan it-tagħmir għandu jinkludi sistemi għall-iżolament u blowdown ta' bjar, l-impjant u linji ta' katusi.

**5.** (1) Għandu jkun hemm tagħmir xieraq għall-użu waqt l-operazzjonijiet fl-ispieri għall-protezzjoni kontra l-blowouts.

Protezzjoni kontra kombustjonijiet waqt operazzjonijiet blowhole.

(2) L-organizazzjoni ta' dan it-tagħmir għandu jikkunsidra l-kundizzjonijiet tal-bir u ta' l-operazzjoni.

**6.** Fejn meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, kull post tax-xogħol fejn hemm il-ħaddiema għandu jkollu:

Kommunikazzjoni generali u f'emerġenza.

(a) sistema akustika u ottika li tista' tibgħat twissija lil kull parti tal-post tax-xogħol fejn hemm in-nies, kif meħtieġ;

(b) sistema akustika li tista' tinstema' b'mod ċar f'kull parti ta' l-istallazzjoni fejn ta' spiss ikun hemm xi ħaddiema.

**7.** F'postijiet xierqa għandu jkun hemm faċilitajiet biex wieħed jista' jibgħat twissija.

**8.** Fejn ħaddiema jkunu f'post tax-xogħol fejn is-soltu ma jkunx hemm nies, dawn għandu jkollhom sistemi xierqa ta' kommunikazzjoni.

**9.** Fejn meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, postijiet ta' laqgħa mingħajr perikli għandhom jiġu speċifikati, għandhom jinżammu listi ta' fejn jiltaqgħu n-nies u għandha tittieħed kull azzjoni meħtieġa.

Punti ta' laqgħa.

**10.** Il-ħaddiema għandhom jiġu mħarrġa fl-azzjonijiet xierqa li għandhom jittieħdu f'emerġenzi.

Taħrig f'emerġenzi għall-ħaddiema.

**11.** Għandu jkun hemm tagħmir f'postijiet adatti ta' salvataġġ li jkun faċilment aċċessibbli u lest għall-użu.

Tagħmir ta' salvataġġ.

**12**. Fejn ikun hemm passaġġi ta' emerġenza diffiċli u fejn ikun hemm, jew jista' jkun hemm, atmosferi fejn wieħed ma jistax jieħu n-nifs, għandu jkun hemm fuq il-post tax-xogħol apparat ta' salvataġġ lest għall-użu immedjat.

**13.** (1) Għandu jkun hemm eżerċizzji tas-sigurtà f'intervalli regolari f'kull post tax-xogħol fejn is-soltu jkun hemm xi ħaddiema.

Eżercizzji tas-Sigurtà.

(2) Dawn għandhom ikunu diretti lejn l-istħarriġ u l-verifikazzjoni ta' l-abbiltajiet ta' ħaddiema li jkunungħataw dmirijiet speċifiċI fil-każ ta' emerġenza li jinvolvu l-użu, l-immaniġġar jew l-operazzjoni ta' tagħmir ta' emerġenza, b'konsiderazzjoni tal-kriterji

stipulati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà msemmija fil-paragrafu 2 (1) ta' l-Anness II.

(3) Fejn ikun xieraq, dawn il-ħaddiema għandhom jiġu eżerċitati fl-użu, maniġġjar jew operazzjoni xieraq ta' dak it-tagħmir.

Kmamar fejn ibiddlu il-haddiema.

**14.** (1) Għandhom jiġu pprovduti kmamar fejn l-ħaddiema ibiddlu ħwejjiġhom jekk dawn ikollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċ jali u fejn, għal raġunijiet ta' saħħa jew biex isiru l-affarijiet kif imiss, ma jistgħux jiġu mistennija li jbiddlu f'kamra oħra.

(2) Il-kmamar fejn ibiddlu għandhom ikunu:

(a) aċċessibbli faċilment;

(b) jesgħu kemm hemm bżonn;

(c) mgħammra b'postijiet fejn wieħed joqgħod bil-qegħda

(d) mgħammra b'faċilitajiet li jippermettu lil kull ħaddiem li jsakkar ħwejjġu waqt il-ħin tax-xogħol; u

(e) mgħammra b'faċilitajiet fejn jitnixxfu il-ħwejjeġ imxarrbin.

(3) Jekk iċ-ċirkostanzi bħal sustanzi perikolużi, umdità jew trab ikunu hekk jeħtieġu, il-kassarizzi għall-ħwejjjeġ għandhom ikunu separati minn dawk li jintużaw għal ħwejjeġ ordinarji.

Post fejn il-haddiema jżommu hwejjiġhom.

(4) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom kmamar separati fejn ibiddlu jew użu separat ta' dawn il-kmamar.

(5) Meta l-kmamar fejn il-ħaddiema ibiddlu ma jkunux meħtieġa taħt il-paragrafu (1), kull ħaddiem għandu jiġi provdut b'post fejn iżomm ħwejjġu.

Doċċi.

**15.** (1) Għandhom jiġu pprovduti doċċi adegwati u xierqa għall-ħaddiema jekk meħtieġa mix-xorta tax-xogħol jew għal raġunijiet ta' saħħa.

(2) Il-kmamar tad-doċċi għandhom ikunu kbar biżżejjed biex jippermettu lil kull ħaddiem li jinħasel mingħajr xkiel f'kundizzjonijiet ta' livell ta' iġjene xieraq.

(3) Dawn għandhom ikunu mgħammra bi provvista ta' ilma sħun u ilma kiesaħ.

(4) Fejn id-doċċi ma' humiex meħtieġa taħt il-paragrafu (1), għandhom ikunu provvduti sinkijiet adegwati u xierqa bi provvista ta' ilma kiesaħ u sħun fil-viċinanza ta' l-istazzjonijiet tal-ħidma u tal-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema.

(5) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom kmamar tad-doċċi separati jew użu separat ta' dawn il-kmamar jew, fejn japplika l-paragrafu preċedenti u fejn meħtieġbix isiru l-affarijiet kif imiss, sinkijiet separati jew użu separat ta' dawn is-sinkijiet.

(6) Fejn il-kmamar li jkun fihom id-doċċa jew is-sinkijiet ikunu separati mill-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema, għandu jkun hemm komunikazzjoni faċli bejniethom.

**16.** (1) Għandhom ikunu pprovvduti faċilitajiet separati fil-viċinanza ta' l-istazzjonijiet tal-ħidma, tal-kmamar ta' mistrieħ, tal-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema u kmamar li fihom id-doċċa jew is-sinkijiet, b'numru adegwat ta' toilets u sinkijiet. Toilets u sinkijiet

(2) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom toilets separati jew użu separat ta' dawn it-toilets.

**17.** (1) It-tagħmir ta' l-ewwel għajnuna għandu jkun xieraq għat-tip ta' attività imwettqa. Tagħmir u kmamar ta' l-ewwel għajnuna.

(2) Għandhom ikunu pprovvduti kamra jew aktar ta' l-ewwel għajnuna.

(3) F'dawn il-kmamar għandu jkun hemm struzzjoni ta' l-ewwel għajnuna li f'każ ta' xi inċident tkun tidher b'mod ċar.

(4) Dawn għandhom ikunu mgħammra bi stallazzjonijiet ta' l-ewwel għajnuna essenzjali, għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għas-sodod bir-roti u għandhom ikunu mmarkati skondir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa u, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(5) Mingħajr preġudizzju għal dak hawn qabel, għandu jkun hemm disponibbli tagħmir ta' l-ewwel għajnuna aċċessibbli faċilment u mmarkat kif xieraq fil-postijiet kollha fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu jirrikjedu dan .

(6) Numru suffiċjenti ta' ħaddiema għandhom ikunu mħarrġa fl-użu tat-tagħmir ta' l-ewwel għajnuna pprovdut.

## Anness III

## Ħtiġijiet speċjali applikabbli għas-settur Offshore

Kunsiderazzjoni ta' forzi ambjentali.

**1.** (1) Il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu ddisinjati, kostruwiti, mibnija, operati, sorveljati u miżmuma biex ikunu jifilħu għall-forzi ambjentali antiċipati.

(2) Dawn għandu jkollhom struttura u solidità xierqa għan-natura ta' l-użu tagħhom.

Id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**2.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 6, Parti II, min iħaddem li jkun responsabbli għall-post tax-xogħol kopert b'dan l-Anness għandu jiżgura li d-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà juri li jkunu ttieħdu l-miżuri relevanti sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll dawk kritiċi, partikolarment li:

(a) is-sorsi speċjali ta' periklu assoċjat mal-post tax-xogħol ikunu ġew identifikati, inkluża kwalunkwe attività relatata li tista' tikkawża l-inċidenti li jista' jkollhom konsegwenzi serji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kkonċernati;

(b) ir-riskji involuti fis-sorsi speċjali ta' periklu msemmija fil-paragrafu (a) jkunu ġew ikkunsidrati;

(c) ikunu ittieħdu prekawzjonijiet adekwati sabiex jiġu evitati inċidenti msemmija fil-paragrafu (a), biex jillimitaw il-firxa ta' inċidenti u jippermettu evakwazzjoni tal-post tax-xogħol effiċ jenti u kkontrollata f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza; u

(d) is-sistema ta' tmexxija tkun adegwata biex tkun konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll f'dawk kritiċi.

(2) Waqt l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' l-istadji kollha relevanti koperti b'dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu josserva l-proċeduri u l-arranġamenti stipulati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

(3) Persuni varji li jħaddmu w li jkunu responsabbli għal postijiet tax-xogħol differenti għandhom jikkoperaw, fejn hu xieraq, fil-preparazzjoni tad-Dokumenti tas-Saħħa u s-Sigurtà u tal-miżuri neċessarji biex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

**3.** (1) Għandu jiġi pprovdut tagħmir ta' kontroll fil-bjar li jkun adatt għall-użu waqt operazzjonijiet ta' tħaffir biex jipproteġi kontra l-kombustjonijiet.

Operazzjonijiet tal-borehole, kombustjonijiet.

(2) L-iżvilupp ta' dan it-tagħmir għandu jikkunsidra l-kundizzjonijiet prevalenti operattivi w tal-bir.

**4.** (1) Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet xierqa, kif identifikati mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, sabiex isibu, jipproteġu minn u jikkumbattu t-tqabbid u l-firxa tan-nirien.

Sejbien u tifi tan-nar.

(2) Fejn hu xieraq, għandhom jiġu pprovduti ħitan għal kontra n-nirien sabiex jifirdu zoni ta' riskju tan-nirien.

**5.** (1) Għandhom jiġu pprovduti sistemi ta' protezzjoni u ta' sejbien tan-nirien, sistemi tat-tifi tan-nar u alarms fuq kull post tax-xogħol skond ir-riskji identifikati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, inklużi:

Sistemi ta' sejbien u protezzjoni min-nar.

(a) sistemi li jsibu n-nirien;

(b) alarms tan-nirien;

(c) main ta' l-ilma għat-tifi tan-nar;

(d) idranti u pajpijiet għal kontra n-nar;

(e) sistemi biex l-ilma jinżel f'daqqa u monitors ta' l-ilma;

(f) sistemi awtomatiċi li jferrxu l-ilma;

(g) sistemi ta' tifi bil-gass;

(h) sistemi ta' foam;

(i) apparat tat-tifi tan-nar li jinġarr;

(j) tagħmir tal-ħaddiema tat-tifi tan-nar.

(2) It-tagħmir tat-tifi tan-nar mhux awtomatiku għandu jkun aċċessibbli faċilment, faċli biex jintuża u, fejn neċessarju, protett mill-ħsara.

(3) Fuq il-post tax-xogħol għandu jinżamm pjan ta' protezzjoni kontra n-nirien bid-dettalji dwar il-prekawzjonijiet sabiex jipproteġu minn, isibu u jikkumbattu t-tqabbid u l-firxa tan-nirien.

Frid tas-sistemi ta' emerġenza.

**6.** (1) Sa fejn hu neċessarju, is-sistemi ta' emerġenza għandhom ikunu mifruda jew inkella mogħtija protezzjoni minn inċidenti sabiex jiġi żgurat li l-funzjonijiet ta' emerġenza jibqgħu operazzjonali f'emerġenza.

(2) Fejn ikun adatt dawn is-sistemi għandhom jiġu duplikati.

(3) It-tagħmir għandu jkun indikat b'sinjali li jservu għal tul ta' żmien f'punti xierqa, skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa w, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Kontroll bir-remote fl-emerġenzi.

**7.** (1) Fejn meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, għandha tiġi installata sistema bir-remote control.

(2) Is-sistema għandha tinkorpora stazzjonijiet ta' monitoraġġ f'postijiet xierqa li jistgħu jintużaw fil-każ ta' emerġenza inklużi, jekk neċessarju, stazzjonijiet ta' monitoraġġ f'punti ta' laqgħa mingħajr periklu u stazzjonijiet ta' l-evakwazzjoni.

(3) Tagħmir li jaħdem anke bir-remote control kif imsemmi fil-paragrafu (1) għandu mill-inqas jinkludi sistemi għall-ventilazzjoni, tifi tat-tagħmir f'emerġenza li tkun tista' tikkawża li t-tagħmir jixgħel, il-prevenzjoni tat-tnixxija ta' likwidi u gass li jaqbdu, protezzjoni u kontroll tan-nirien.

Komunikazzjoni generali u fl-emerġenzi.

**8.** (1) Fejn ikun meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, kull post tax-xogħol li jkun fih il-ħaddiema għandu jkollu:

(a) sistema akustika u ottikali li tkun tista' tittrasmetti allarm lejn kull parti fejn hemm in-nies tal-post tax-xogħol kif neċessarju;

(b) sistema akustika li tista' tinstema' b'distinzjoni fil-partijiet kollha ta' l-istallazzjoni fejn il-ħaddiema jkunu spiss preżenti;

(c) sistema li żżomm komunikazzjoni max-xatt u mas-servizzi tas-salvataġġ.

(2) Sistema bħal din għandha tibqa' taħdem fil-każ ta' emerġenza.

(3) Is-sistema akustika għandha tkun supplimentata b'sistemi ta' komunikazzjoni li ma jserrħux fuq provvista tad-dawl li tkun vulnerabbli.

**9.** Il-faċilitajiet li jsejjħu l-allarm għandhom ikunu installati f'postijiet adatti.

**10.** Meta l-ħaddiema jkunu preżenti fuq post tax-xogħol fejn mhux soltu jkun hemm nies, dawn għandhom jiġu pprovduti b'sistemi ta' komunikazzjoni xierqa. Faċilitajiet sabiex jinholoq l-allarm.

**11.** (1) Għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex jipproteġu punti ta' evakwazzjoni u punti ta' laqgħa mill-perikli ta' sħana, duħħan u, kemm jista' jkun, l-effetti ta' splużjoni, u sabiex jiżguraw li r-rotot tal-ħruġ ta' l-emerġenza minnu lejn punti ta' evakwazzjoni u punti ta' laqgħa mingħajr periklu jibqgħu liberi mill-ostakli. Punti ta' laqgħa mingħajr periklu.

(2) Dawn il-miżuri għandhom ikunu tali li jipprovdu protezzjoni lil ħaddiema għal perjodu suffiċjenti sabiex jippermettu li jiġu organizzati u mwettqa, fejn neċessarju, evakwazzjoni mingħajr periklu, ħruġ u salvataġġ.

**12.** Fejn ikun meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, wieħed mill-postijiet protetti speċifikati fis-subregolament preċedenti 11(1) għandu jipprovdi faċilitajiet xierqa sabiex jippermetti li t-tagħmir speċifikat fir-regolament 7 ta' dan l-Anness ikun remote-controlled u li jkun hemm komunikazzjoni mas-servizzi tax-xatt u ta' l-emerġenza.

**13.** (1) Punti ta' laqgħa mingħajr periklu u punti ta' evakwazzjoni għandhom ikunu aċċessibbli mill-akkomodazzjoni u miz-zoni tax-xogħol. Aċċess għall-punti ta' laqgħa minn zoni ta' akkomodazzjoni u tax-xogħol.

(2) Għal kull punt ta' laqgħa mingħajr periklu individwali, għandha tinżamm lista aġġornata u pubblika bl-ismijiet tal-ħaddiema assenjati għal dak il-punt ta' ġabra.

(3) Għandha tiġi pprovduta u murija f'postijiet xierqa fuq il-post tax-xogħol lista ta' persuni assenjati bi dmirijiet speċjali fil-każ ta' emerġenza.

(4) L-ismijiet tagħhom għandhom ikunu nnotati fl-istruzzjonijiet bil-miktub imsemmija fir-regolament 5, Anness I.

**14.** (1) Il-ħaddiema għandhom ikunu mħarrġa fl-azzjonijiet xierqa li għandhom jittieħdu fl-emerġenzi.

(2) Barra t-taħriġ għal emerġenza ġenerali, il-ħaddiema għandhom jirċievu taħriġ speċifiku skond il-post tax-xogħol li għandu jkun speċifikat fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà li jikkonċerna dak il-post tax-xogħol.

Taħriġ ta' l-emerġenza għall-ħaddiema.

(3) Il-ħaddiema għandhom jingħataw ukoll taħriġ xieraq f'tekniċi ta' salvataġġ, filwaqt li jikkunsidraw il-kriterji stipulati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

Mezzi ta' evakwazzjoni għandhom jiġu pprovduti f'kull post tax-xogħol.

**15.** F'kull post tax-xogħol għandhom jiġu pprovduti mezzi ta' evakwazzjoni f'emerġenza u mezzi ta' ħruġ dirett lejn il-baħar adatti u suffiċjenti.

Pjan ta' emerġenza.

**16.** (1) Għandu jitħejja pjan ta' emerġenza għal sitwazzjonijiet ta' salvataġġ mill-baħar u ta' evakwazzjoni minn fuq il-post tax-xogħol.

(2) Il-pjan, li għandu jkun ibbażat fuq id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, għandu jistipula l-użu ta' bastimenti u ħelikopters lesti għal li jista' jinqala' u għandu jinkludi kriterji li jikkonċernaw il-kapaċità u l-ħin tar-rispons tal-bastimenti u ħelikopters lesti għal li jista' jinqala'.

(3) Il-ħin tar-rispons meħtieġ għandu jingħata fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà għal kull stallazzjoni.

(4) Il-bastimenti lesti għal li jista' jinqala' għandhom ikunu ddisinjati u mgħammra sabiex jilħqu l-ħtiġijiet ta' l-evakwazzjoni u s-salvataġġ.

Ħtiġijiet għat-tagħmir tas-salvataġġ.

**17.** Il-mezzi tas-salvataġġ, raftijiet, bagi u ġgieget tas-salvataġġ provduti minn min iħaddem għandhom ikunu:

(a) tajbin u mgħammra sabiex iżommu l-ħajja għal tul ta' ħin biżżejjed;

(b) fi kwantità biżżejjed skond l-għadd ta' ħaddiema li probabbli jkunu preżenti;

(c) ta' tip xieraq għall-post tax-xogħol;

(d) mibnija sewwa b'materjali xierqa skond il-funzjoni ta' salvataġġ tagħhom u ċ-ċirkostanzi li jistgħu jintużaw fihom jew jinżammu għall-użu; u

(e) ta' kulur li bih jintagħrfu meta jintużaw, u mgħammra b'mezzi sabiex min jużhom ikun jista' jiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema tas-salvataġġ.

Użu immedjat.

**18.** Tagħmir tas-salvataġġ adegwat għandu jkun disponibbli għall-użu immedjat.

**19.** (1) Fil-postijiet tax-xogħol kollha li fihom normalment ikunu preżenti l-ħaddiema, għandhom isiru eżerċizzji tas-sigurtà kull tant żmien fejn: Eżerċizzji tas-sigurtà.

(a) il-ħaddiema kollha assenjati bi dmirijiet speċifiċi li jinvolvu l-użu, il-maniġġ jew it-tħaddim ta' tagħmir ta' l-emerġenza jkunu mħarrġa u eżaminati fl-eżekuzzjoni ta' dawn id-dmirijiet, waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni il-kriterji stipulati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà u, fejn hu xieraq, il-ħaddiema għandhom jiġu mħarrġa wkoll fl-użu, il-maniġġ u t-tħaddim korrett ta' dak it-tagħmir.

(b) it-tagħmir kollu ta' l-emerġenza użat fl-eżerċizzju jkun eżaminat, imnaddaf u, fejn hu xieraq, iċċarġjat mill-ġdid jew mibdul u t-tagħmir li jinġarr kollu hekk użat għandu jiġi rritornat fil-post fejn jinżamm is-soltu; u

(c) il-mezzi tas-salvataġġ jiġu verifikati għat-tħaddim.

**20.** (1) Għandhom jiġu pprovduti kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema jekk dawn ikollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċjali u fejn, għal raġunijiet ta' saħħa jew biex isiru l'affarijiet kif imiss, ma jistgħux jiġu mistennija li jbiddlu f'kamra oħra. Kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema.

(2) Il-kmamar fejn ibiddlu għandhom ikunu:

(a) aċċessibbli faċilment;

(b) jesgħu kemm hemm bżonn,

(c) b'postijiet fejn wieħed ipoġġi;

(d) mgħammra b'faċilitajiet li jippermettu lil kull ħaddiem li jsakkar ħwejjġu waqt il-ħin tax-xogħol; u

(e) mgħammra b'faċilitajiet li jippermettu li ħwejjeġ imxarrbin jitnixxfu.

(3) Jekk iċ-ċirkostanzi bħal sustanzi perikolużi, umdità jew trab ikunu jirrikjedu, il-postijiet għall-ħwejjjeġ li jissakkru għandhom ikunu separati minn dawk li jintużaw għal ħwejjeġ ordinarji.

(4) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom kmamar fejn ibiddlu separati jew użu separat ta' dawn il-kmamar.

(5) Jekk il-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema m'humiex neċessarji taħt il-paragrafu (1), kull ħaddiem għandu jkun provvdut b'post fejn iżomm ħwejjġu.

Toilets u sinkijiet.

**21.** (1) Barra dawn il-faċilitajiet provduti fi kwalunkwe zona ta' akkomodazzjoni, għandhom ikunu pprovduti toilets, sinkijiet u, jekk neċessarju, doċċi xierqa u faċilitajiet tal-ħasil fil-viċinanza ta' l-istallazzjonijiet tal-ħidma.

(2) Għandu jkun hemm provduti toilets separati u, fejn applikabbli, doċċi, jew għall-użu separat tagħhom għall-irġiel u għan-nisa.

Kmamar ta' l-ewwel għajnuna.

**22.** (1) Għandhom ikunu pprovduti kamra ta' l-ewwel għajnuna jew aktar skond id-daqs ta' l-istallazzjoni u t-tip ta' attività mwettqa.

(2) Il-kmamar ta' l-ewwel għajnuna għandu jkollhom tagħmir, faċilitajiet u mediċini xierqa u numru biżżejjed ta' ħaddiema speċjalizzati, kif meħtieġ fiċ-ċirkostanzi, sabiex jagħtu l-ewwel għajnuna jew, fejn neċessarju, trattament taħt id-direzzjoni ta' tabib reġistrat li jista' jkun preżenti u jista' ma jkunx.

(3) Dawn għandhom ikunu mmarkati skond ir-Regolament ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa w, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

(4) Għandu jkun hemm disponibbli wkoll tagħmir ta' l-ewwel għajnuna mmarkati sew u aċċessibbli faċilment fil-postijiet kollha fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu jeħtieġu dan.

Akkomodazzjoni, fejn necessarja.

**23.** (1) Jekk ix-xorta, l-iskala u t-tul ta' żmien ta' l-operazzjonijiet jkunu jeħtieġu, min iħaddem għandu wkoll jipprovdi lill-ħaddiema bl-akkomodazzjoni.

(2) Din l-akkomodazzjoni għandha:

(a) tkun protetta kif adatt kontra l-effetti ta' splużjoni, l-infiltrazzjoni tad-duħħan u l-gass u t-tqabbid u l-firxa tan-nirien kif identifikat fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà;

(b) tkun mgħammra tajjeb b'faċilitajiet ta' ventilazzjoni, sħana u dawl;

(ċ) tkun provduta f'kull livell b'mill-inqas żewġ punti ta' ħruġ individwali separati li jwasslu għal rotot ta' ħruġ ta' emerġenza;

(d) tkun protetta kontra l-istorbju, l-irwejjaħ u d-dħaħen minn zoni oħrajn li jistgħu jkunu ta' periklu għas-saħħa, u kontra kundizzjonijiet ħżiena tat-temp;

(e) tkun separata minn kwalunkwe stazzjon ta' ħidma u tkun qegħda 'l barra minn zoni perikolużi;

(f) tinkludi biżżejjed sodod jew kuċċetti għall-għadd ta' persuni mistennija li jorqdu fuq l-istallazzjoni;

(g) tinkludi għadd biżżejjed ta' doċċi u faċilitajiet tal-ħasil mgħammra bl-ilma sħun u kiesaħ; u

(h) tkun mgħammra b'għadd biżżejjed ta' toilets u sinkijiet.

(3) Kull kamra ddisinjata bħala akkomodazzjoni għall-irqad għandu jkollha spazju adegwat għall-okkupanti fejn iżommu ħwejjiġhom.

(4) Għandhom ikunu pprovduti kmamar ta' l-irqad, doċċi u faċilitajiet tal-ħasil u toilets u sinkijiet separati għall-irġiel u għan-nisa.

(5) L-akkomodazzjoni u t-tagħmir tagħha għandhom jinżammu f'livell ta' iġjene adegwat.

Pjattaformi tal-helikopters.

**24.** (1) Il-pjattaformi tal-ħelikopter fuq il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu ta' daqs suffiċjenti u f'post li jipprovdu twassil mingħajr ostakli li jippermetti l-ikbar ħelikopter li juża l-pjattaforma li jkun jista' jopera taħt l-aktar kundizzjonijiet qliel antiċipati għal operazzjonijiet tal-ħelikopter.

(2) Il-pjattaforma tal-ħelikopter għandha tkun ta' disinn u kostruzzjoni adegwati għas-servizz meħtieġ.

(3) Għandu jkun hemm provdut, u maħżun fil-viċinanza immedjata taż-żona fejn jillandja l-ħelikopter, tagħmir meħtieġ għall-użu fil-każ ta' inċident li jinvolvi ħelikopter.

(4) Fuq stallazzjonijiet b'ħaddiema residenti, għandu jkun hemm disponibbli waqt il-movimenti ta' ħelikopter fuq il-pjattaforma tal-ħelikopter għadd biżżejjed ta'personal għar-rispons ta' emerġenza w imħarreġ għal dak l-iskop.

Ippożizzjonar ta' l-istallazzjonijiet fuq il-baħar.

**25.** (1) Għandhom jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fl-industriji ta' l-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir waqt li l-istallazzjonijiet offshore ikunu qegħdin jiġu ppożizzjonati fuq il-baħar.

(2) Operazzjonijiet bi preparazzjoni għall-ippożizzjonar ta' stallazzjonijiet offshore għandhom isiru b'mod li jiżguraw l-istabbilità u s-sigurtà ta' l-istallazzjonijiet.

(3) It-tagħmir użat u l-proċeduri segwiti għall-attivitajiet imsemmija fis-subregolament 25(1) għandhom ikunu tali li jnaqqsu kwalunkwe riskju għall-ħaddiema fl-industriji ta' l-estrazzjoni tal-minerali permezz tat-tħaffir, filwaqt li jittieħdu in konsiderazzjoni kemm il-kundizzjonijiet normali kif ukoll dawk kritiċi.

## Anness IV

## Ħtiġijiet speċjali applikabbli għall- industriji ta' l-estrazzjoni tal-minerali fuq il-wiċċ jew taħt l-art u għal stallazzjonijiet tal-wiċċ li għandhom x'jaqsmu magħhom

Projbizzjoni tat-tipjip.

**1.** (1) It-tipjip huwa projbit f'zoni suġġetti għal perikli ta' nirien jew splużjonijiet partikolari.

(2) L-użu ta' fjamma mikxufa u l-eżekuzzjoni ta' xogħol li jista' jwassal għal periklu ta' qbid huwa pprojbit, sakemm ma jitteħdux prekawzjonijiet adekwati sabiex jipprevjenu l-okkorrenza ta' nirien jew splużjonijiet.

Prevenzjoni min-nirien, tagħmir tat-tifi tan-nar.

**2.** (1) Kull fejn hemm iddisinjati, mibnija, mgħammra, kummissjonati, imħaddma jew miżmuma l-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu miżuri adegwati sabiex jipprevjenu n-nirien milli jaqbdu u jinfirxu mis-sorsi identifikati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li jipprovdi mezzi tat-tifi tan-nar rapidi u effettivi.

(3) Il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu mgħammra b'tagħmir tat-tifi tan-nar xieraq u, kif neċessarju, b'fire detectors u sistemi ta' l-alarm.

(4) Tagħmir tat-tifi tan-nar mhux awtomatiku għandu jkun faċilment aċċessibbli u faċli biex jintuża u, fejn meħtieġ, protett mill-ħsara.

(5) Fuq is-sit għandu jkun hemm pjan ta' protezzjoni min-nirien b'dettalji dwar il-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu, skond ir-regolamenti 5 sa' 11 tal-Parti II ta' dawn ir-regolamenti, għall-protezzjoni, tagħrif u tifi tal-qbid u t-tixrid ta' nirien.

**3.** (1) It-tagħmir ta' tifi tan-nar għandu jkun indikat b'sinjali li jservu għal tul ta' żmien f'postijiet xierqa, skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa w, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Tagħmir ta' tifi tan-nar.

**4.** (1) Mingħajr preġudizzju għall-Ordinanza dwar l-Isplussivi, operazzjonijiet li jinvolvu l-ħażna, it-trasport u l-użu ta' splussivi u mezzi li jqabbdu għandhom jitwettqu minn persuni awtorizzati u kompetenti.

Splussivi. Kap. 33.

(2) Dawn l-operazzjonijiet għandhom ikunu organizzati u mwettqa b'mod li ma jkunx hemm riskji għall-ħaddiema.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li:

(a) isiru regoli adatti u biżżejjed li jistipulaw bil-miktub proċeduri għal;

i. operazzjonijiet ta' sparar ta' tiri fil-barriera;

ii. il-ħatra ta' persuni li jisparaw, apprentisti li jisparaw u persuni inkarigati mill-imħażen;

iii. l-awtorizzazzjoni ta' persuni oħrajn li jkunu involuti fil-ħażna, it-trasport jew l-użu ta' l-isplussivi;

iv. mod kif jiġu trattati l-isparaturi bi żball; u

v. l-mod sabiex jiġi żgurat, sa fejn ikun raġonevolment prattikabbli, li dawn ir-regoli jiġu osservati.

(b) tiġi ppreparata speċifikazzjoni bil-miktub adegwata għal kull operazzjoni ta' sparar sabiex tiżgura, sa fejn huwa raġonevolment prattikabbli, li meta jkun hemm dan l-isparar dan ma jwassalx għal xi periklu;

(c) tingħata kopja ta' l-ispeċifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (b) lil kull persuna li fuqha jimponi d-dmirijiet;

(d) jkunu pprovduti dawk il-faċilitajiet u tagħmir li huma neċessarji sabiex jippermettu li jitwettqu operazzjonijiet ta' sparar mingħajr periklu;

(e) kwalunkwe vettura pprovduta għall-użu li għandu x'jaqsam ma' operazzjonijiet ta' l-isparar tkun immarkata sabiex tkun identifikabbli mill-bogħod;

(f) id-detonaturi għandhom ikunu maħżuna f'kontenituri separati minn splussivi oħrajn;

(g) l-isplussivi jinżammu l-ħin kollu jew fi maħżen ta' l-isplussivi msakkar jew taħt is-sorveljanza kostanti ta' persuna idonea;

(h) kull operazzjoni ta' l-isparar titwettaq mingħajr periklu u skond ir-regoli u l-ispeċifikazzjonijiet speċifikati fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subregolament rispettivament.

(4) Qabel jiġi sparat tir, min jispara għandu:

(a) jispezzjona s-sistema jew iċ-ċirkwit ta' l-isparar sabiex jiżgura li tkun kkonettjata sew;

(b) fejn jintużaw detonaturi elettriċi, jiżgura li dawn kienu kkonnettjati sew mas-sistema jew iċ-ċirkwit ta' l-isparar u li s-sistema jew iċ-ċirkwit ta' l-isparar ikun ittestjat bi strument xieraq għall-iskop minn pożizzjoni mingħajr perikli;

(c) fejn ikun adatt, jiżgura li l-integrità elettrika tas-sistema jew iċ-ċirkwit ta' l-isparar ikunu tali li jrendu l-isparar bi żball improbabbli; u

(d) jiżgura li t-tir jiġi sparat minn post mingħajr periklu.

Limitazzjoni fuq il-persuni li jimmaniġġjaw l-isplussivi.

**5.** (1) Ebda persuna għajr persuna involuta fit-trasport ta' l-isplussivi lejn jew mill-post tax-xogħol, persuna li tispara, persuna awtorizzata li timmaniġġa l-isplussivi fuq il-post tax-xoghol jew persuna maħtura sabiex tkun responsabbli għall-maħżen ta' l-isplussivi ma' għandha timmaniġġa l-isplussivi.

(2) Ebda persuna ma' għandha tressaq sustanza jew oġġett, barra splussivi, li jista' jikkawża splużjoni mhux maħsuba jew nar sa 10 metri minn kwalunkwe splussiv jew, ħlief għall-iskop li tinxtegħel korda li tqabbad jew fus tas-sigurtà, tressaq fjamma mikxufa sa 10 metri minn kwalunkwe splussiv.

(3) Ebda persuna ma' għandha tiġi sfurzata li tneħħi xi lead tad-detonatur, fus tas-sigurtà jew sistema oħra sabiex jingħata bidu għall-isparaturi minn toqba ta' l-isparar wara li t-toqba ta' l-isparar tkun ġiet iċċarġjata jew ikkargata.

(4) Ebda persuna ma'għandha tiċċarġja jew tispara tir:

(a) sakemm ma jkunx hemm viżibilità biżżejjed sabiex tiżgura li xogħol preparatorju għall-isparar, l-operazzjoni ta' l-isparar u kwalunkwe spezzjoni tas-sit wara li t-tir ikun sparat jistgħu jitwettqu mingħajr periklu;

(b) f'toqba ta' l-isparar li tkun ġiet sparata qabel, sakemm ma tkunx qegħda titratta sparatura bi żball skond l-azzjoni meħuda taħt ir-regolament 6 (b) hawn taħt; jew

(c) fi kwalunkwe mina jew skavazzjoni oħra fil-wiċċ jew fil-ġenb tal-barriera għall-iskop ta' estrazzjoni tal-minerali jew ta' prodotti tal-minerali.

Evalwazzjoni ta' skavazzjonijiet proposti jew eżistenti.

**6.** (1) Min iħaddem għandu jiżgura li ssir evalwazzjoni biżżejjed u adatta ta' l-iskavazzjonijiet proposti jew eżistenti minn persuna kompetenti sabiex tiddetermina jekk skavazzjonijiet bħal dawn humiex ta' periklu sinifikanti.

(2) L-operatur għandu jiżgura li:

(a) kwalunkwe sejbiet sinifikanti magħmula waqt evalwazzjoni, kull konklużjoni milħuqa skond is-subregolament (1) u r-raġunijiet għal dawk il-konklużjonijiet jiġu rrikordjati minn persuna kompetenti li tagħmel l-evalwazzjoni;

(b) il-persuna kompetenti msemmija tiffirma u tniżżel id-data fuq reġistru bħal dan; u

(c) ir-reġistru magħmul skond il-paragrafu (a) ikun disponibbli għal kull min iħaddem ħaddiema fuq ix-xogħol u għall-ħaddiema kollha.

(3) Fejn il-konklużjoni milħuqa mill-persuna kompetenti li tagħmel l-evalwazzjoni skond is-subregolament (1) tkun dik li l-iskavazzjoni ma tippreżenta l-ebda periklu sinifikanti, min iħaddem għandu jiżgura li persuna kompetenti twettaq aktar evalwazzjonijiet:

(a) kull tant żmien kif xieraqġ

(b) kull meta jkun hemm xi raġuni għal suspett li kien hemm jew li ser ikun hemm bidla sinifikanti:

i. fil-materji li magħhom ikollha x'taqsam l-evalwazzjoni; jew

ii. fi kwalunkwe art fil-viċinanza li tista' tkun milquta mill-moviment jew l-instabbilità ta' l-iskavazzjoni li magħha għandha x'taqsam l-evalwazzjoni; u

iii. kull meta jkun hemm raġuni għal dubju dwar il-validità tal-konklużjoni ta' l-evalwazzjoni kurrenti.

(4) Fejn il-konklużjoni milħuqa mill-persuna kompetenti wara evalwazzjoni magħmula skond is-subregolament (1) tkun li l-iskavazzjoni tirrapreżenta periklu sinifikanti, l-operatur għandu jiżgura li jsir eżami ġeotekniku skond il-ħtiġiet tar-regolament li jmiss kemm jista' jkun b'mod raġonevolment prattikabbli malajr.

**7.** (1) Għall-iskopijiet ta' dawn ir-regolamenti, "eżami ġeotekniku" tfisser eżami mwettaq minn speċjalist ġeotekniku li jidentifika u jevalwa l-fatturi kollha li jolqtu l-istabbilità u s-sigurtà ta' skavazzjoni proposta jew eżistenti u għandu jinkludi:

(a) preparazzjoni minn jew taħt is-sorveljanza ta' l-imsemmi speċjalista ġeotekniku jew, kif xieraq, konsiderazzjoni mill-imsemmi speċjalista ġeotekniku tad-dokumenti u d-dettalji speċ ifikati fl-Iskeda 1;

(b) il-konklużjoni ta' l-imsemmi speċjalista ġeotekniku dwar is-sigurtà u l-istabbilità ta' l-iskavazzjoni proposta jew eżistenti li tkun qed tiġi eżaminata, inklużi l-konklużjonijiet tiegħu dwar jekk l-imsemmija skavazzjoni tirrappreżentax periklu sinifikanti minħabba l-instabbilità jew il-moviment;

(c) fejn hu xieraq, il-konklużjoni ta' l-imsemmi speċjalista ġeotekniku dwar jekk hux meħtieġ xi xogħol li jirrimedja li għandu x'jaqsam ma' l-iskavazzjoni eżaminata u d-data sa meta dan ix-xogħol għandu jitlesta;

(d) fejn ikun xieraq, il-konklużjoni ta' l-imsemmi speċjalista ġeotekniku dwar id-data sa meta għandu jsir l-eżami ġeotekniku li jkun imiss.

(2) Min iħaddem għandu jiżgura li:

(a) kull sejba sinifikanti magħmula waqt l-eżami ġeotekniku u kull konklużjoni milħuqa skond il-paragrafi (1)(b), (ċ) jew (d) u r-raġunijiet wara dawk il-konklużjonijiet jiġu rrikordjati mill-ispeċjalista ġeotekniku li jkun qiegħed jagħmel l-eżami; u

(b) l-imsemmi speċjalist ġeotekniku jiffirma u jniżżel id-data fuq kull reġistru u jindika wkoll il-kwalifiki professjonali tiegħu.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li kull informazzjoni disponibbli għalih li tista' tkun relevanti għall-iskopijiet ta' eżami ġeotekniku tkun disponibbli għall-ispeċjalista ġeotekniku li jkun qiegħed iwettaq l-eżami.

(4) L-operatur għandu jiżgura li kull xogħol li jirrimedja identifikat waqt l-eżami ġeotekniku skond il-paragrafu (1)(ċ) isir sad-data speċifikata.

**8.** (1) Meta l-konklużjoni reġistrata mill-ispeċjalista ġeotekniku wara eżami ġeotekniku ta' skavazzjoni proposta jew eżistenti tkun dik li l-iskavazzjoni tirrappreżenta periklu sinifikanti minħabba instabbilità jew moviment, min iħaddem għandu jiżgura, mingħajr ħsara għall-paragrafu (1)(d) tar-regolament preċedenti, li l-iskavazzjoni msemmija tgħaddi minn eżami ġeotekniku ieħor mill-inqas kull sentejn.

Skavazzjoni li tirrappreżenta periklu .sinifikanti.

(2) Mingħajr ħsara għas-subregolament (1), fejn, għal skavazzjoni li taqa' taħt il-paragrafu (1), hemm raġuni:

(a) għal suspett li kien hemm jew li ser ikun hemm bidla sinifikanti

i. fil-materji li għandu x'jaqsam magħhom l-eżami ġeotekniku; jew

ii. f' xi art fil-viċinanza li tista' tiġi milquta mill-moviment jew l-instabbilità ta' l-iskavazzjoni; jew

(b) għal dubju dwar il-validità tal-konklużjoni ta' l-eżami kurrenti, min iħaddem għandu jiżgura li jsir eżami ġeotekniku ieħor kemm jista' jkun b'mod raġonevolment prattikabbli malajr.

**9.** Meta l-konklużjoni milħuqa mill-ispeċjalista ġeotekniku wara eżami ġeotekniku ta' skavazzjoni proposta jew eżistenti tkun dik li l-iskavazzjoni ma tirrappreżenta l-ebda periklu, l-operatur għandu jiżgura li:

Skavazzjoni li ma tirrappreżenta l-ebda periklu.

(a) l-imsemmi speċjalista ġeotekniku jispeċifika l-frekwenza li fiha għandhom isiru evalwazzjonijiet skond ir-regolament 6 preċedenti sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-istabbilità ta' l-iskavazzjoni; u

(b) dik l-ispeċifikazzjoni tiġi reġistrata.

Azzjoni f'każ ta' sparatura bi żball.

**10.** Fil-każ ta' sparatura bi żball, min iħaddem għandu jikkonsulta mal-persui kompetenti msemmija fir-regolament 4 (1) ta' dan l-Anness u għandu jiżgura, sa fejn hu raġonevolment prattikabbli, li:

(a) l-aċċess għaz-zona tal-periklu ikun strettament neċessarju;

(b) jittieħdu l-passi xierqa sabiex tiġi determinata l-kawża u sabiex tiġi trattata l-isparatura bi żball; u

(ċ) jinżamm record xieraq ta' l-isparatura bi żball.

Taħriġ ta' l-emerġenza għall-ħaddiema.

**11.** (1) Il-ħaddiema għandhom jiġu mħarrġa fl-azzjonijiet adatti li għandhom jittieħdu fl-emerġenzi.

(2) Għandu jiġi provdut tagħmir tas-salvataġġ f'postijiet aċċessibbli faċilment u adatti w jinżamm lest għall użu u jkun indikat b'sinjali skond ir-Regolamenti ta' I-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa w, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Eżerċizzji tas-sigurtà.

**12.** (1) Fil-postijiet tax-xogħol kollha li fihom normalment ikunu preżenti l-ħaddiema, għandhom isiru eżerċizzji tas-sigurtà f'intervalli regolari.

(2) Dawn għandhom ikunu diretti lejn it-taħriġ u l-ispezzjoni ta' l-abbilitajiet tal-ħaddiema li lilhom ġew assenjati dmirijiet speċifiċi fil-każ ta' emerġenza li tinvolvi l-użu, il-maniġġ jew it-tħaddim ta' tagħmir ta' emerġenza, waqt li jieħdu in konsiderazzjoni l-kriterji stipulati fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

(3) Fejn hu xieraq, il-ħaddiema li ġew hekk assenjati, għandhom ikunu mħarrġa fl-użu, maniġġ jew tħaddim korrett ta' dak it-tagħmir.

Tagħmir ta' l-ewwel għajnuna.

**13.** (1) Għandu jkun disponibbli tagħmir ta' l-ewwel għajnuna fil-postijiet kollha fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol jirrikjedu hekk u dan għandu jkun xieraq għall-operazzjoni.

(2) Dan it-tagħmir għandu jkun indikat b'sinjali xierqa u aċċessibbli faċilment.

Kmamar ta' l-ewwel għajnuna.

**14.** Fejn id-daqs tal-bini, it-tip ta' l-attività mwettqa u l-frekwenza ta' l-inċidenti jirrikjedu, għandhom ikunu pprovduti kamra jew kmamar ta' l-ewwel għajnuna, fejn għandu jkun hemm struzzjoni

ta' l-ewwel għajnuna li tidher b'mod ċar f'każijiet fejn spiss isiru inċidenti.

**15.** (1) Il-kmamar ta' l-ewwel għajnuna għandhom ikunu mgħammra bi stallazzjonijiet u tagħmir ta' l-ewwel għajnuna essenzjali u għandhom ikunu aċċessibbli faċilment għas-sodod bir-roti.

(2) Dawn għandhom ikunu mmarkati skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it-Twaħħil ta' Sinjali tas-Saħħa w, jew tas-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Disponibbiltà ta' tagħmir ta' l-ewwel għajnuna f'postijiet oħra.

**16.** (1) Barra dak fuq hawn imsemmi, it-tagħmir ta' l-ewwel għajnuna għandu jkun disponibbli fil-postijiet kollha fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu jirrikjedu dan.

(2) Dan it-tagħmir għandu jkun immarkat kif imiss u aċċessibbli faċilment.

Taħriġ ta' emergenza għall-ħaddiema.

**17.** Għadd biżżejjed ta' ħaddiema għandu jkunu mħarreġ fl-użu tat-tagħmir ta' l-ewwel għajnuna provdut.

Kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema.

**18.** (1) Għandhom jiġu provduti kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema jekk dawn ikollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċjali u fejn, għal raġunijiet ta' saħħa jew biex isiru l-affarijiet kif imiss, ma jistgħux jiġu mistennija li jbiddlu f'kamra oħra.

(2) Il-kmamar fejn ibiddlu għandhom ikunu:

(a) faċilment aċċessibbli;

(b) jesgħu kemm hemm bżonn;

(c) b'postijiet fejn wieħed ipoġġi;

(d) mgħammra b'faċilitajiet li jippermettu lil kull ħaddiem li jsakkar ħwejjġu waqt il-ħin tax-xogħol; u

(e) mgħammra b'faċilitajiet li jippermettu li ħwejjeġ imxarrbin jitnixxfu.

(3) Jekk iċ-ċirkostanzi bħal sustanzi perikolużi, umdità jew trab ikunu jirrikjedu, il-postijiet għall-ħwejjeġ li jissakkru għandhom ikunu separati minn dawk li jintużaw għal ħwejjeġ ordinarji.

(4) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom kmamar fejn ibiddlu separati jew użu separat ta' dawn il-kmamar.

(5) Jekk il-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema ma' humiex neċessarji taħt is-subregolament (1), kull ħaddiem għandu jkun provdut b'post fejn iżomm ħwejjġu.

Doċċi.

**19.** (1) Għandhom jiġu pprovduti doċċi adekwati u xierqa għall-ħaddiema jekk meħtieġa min-natura tax-xogħol jew għal raġunijiet ta' saħħa.

(2) Il-kmamar tad-doċċi għandhom ikunu kbar biżżejjed biex jippermettu lil kull ħaddiem jinħasel mingħajr xkiel f'kundizzjonijiet ta' livell ta' iġjene xieraq.

(3) Dawn għandhom ikunu mgħammra bi provvista ta' ilma sħun u ilma kiesaħ.

(4) Fejn id-doċċi m'humiex meħtieġa taħt is-subregolament (1), għandhom ikunu provvduti sinkijiet adegwati u xierqa bi provvista ta' ilma kiesaħ u sħun fil-viċinanza ta' l-istazzjonijiet tal-ħidma u tal-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema.

(5) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom kmamar tad-doċċi separati jew użu separat ta' dawn il-kmamar jew, fejn japplika l-paragrafu preċedenti u fejn meħtieġ biex l-affarijiet isiru kif imiss, sinkijiet separati jew użu separat ta' dawn is-sinkijiet.

**20.** (1) Għandhom ikunu provduti faċilitajiet separati fil-viċ inanza ta' l-istazzjonijiet tal-ħidma, tal-kmamar ta' mistrieħ, tal-kmamar fejn ibiddlu l-ħaddiema u kmamar li fihom id-doċċa jew is-sinkijiet, b'numru adekwat ta' toilets u sinkijiet.

(2) L-irġiel u n-nisa għandu jkollhom toilets separati jew użu separat ta' dawn it-toilets.

Tumbati biż-żejjed, munzelli ta' l-iskart u munzelli oħrajn.

**21.** Tumbati biż-żejjed, munzelli ta' l-iskart u munzelli oħrajn, kif ukoll settling lagoons, għandhom ikunu ddisinjati, mibnija, operati u miżmuma b'mod li tiġi żgurata l-istabbilità tagħhom, kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

**22.** Min iħaddem għandu jiżgura li Bankijiet u rotot tal-ġbid.

(a) jiġu ddisinjati, mibnija u miżmuma bankijiet u rotot tal-ġbid sabiex jippermetti vetturi u impjant li jintużaw u jitmexxew fuqhom mingħajr periklu;,

(b) jittieħdu prekawzjonijiet effettivi, permezz ta' l-istallazzjoni ta' barrieri jew b'mod ieħor, sabiex jipprevjenu vetturi jew impjant li inċidentalment joħorġu mir-rotta tal-ġibda; u

(c) tiġi mpoġġija barriera xierqa bl-iskop li tiskoraġixxi l-mogħdija madwar it-truf tal-barriera u li tkun miżmuma sewwa.

## Anness V

### Ħtiġijiet speċjali applikabbli għal Industriji ta' l-estrazzjoni tal-Minerali tal-Wiċċ

**1.** (1) Ix-xogħol għandu jkun ippjanat waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni l-elementi tad-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà dwar ir-riskji tal-waqat jew taż-żlieq ta' l-art. Id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

(2) L-għoli u l-inżul ta' l-uċuh ta' l-estrazzjoni u ta' l-overburden-stripping għandhom ikunu adatti għax-xorta u l-istabbilità ta' l-art u għall-metodi tax-xogħol.

**2.** (1) Il-bankijiet u r-rotot tal-ġbid għandhom ikunu stabbli biżżejjed għall-impjant użat. Stabbilita' tal-bankijiet u r-rotot tal-ġbid.

(2) Dawn għandhom jinbnew u jinżammu b'tali mod li l-impjant ikun jista' jiġi mċaqlaq.

**3.** (1) Qabel il-bidu jew il-bidu mill-ġdid tax-xogħol, l-uċuh ta' l-estrazzjoni u tat-tqaxxir fuq Iż-żoni tax-xogħol jew ir-rotot tal-ġbid għandhom jiġu spezzjonati għal art jew blat laxki. Spezzjonijiet ta' art jew blat laxki, tindif.

(2) Għandu jsir tindif fejn ikun neċessarju.

**4.** L-uċuh all-art u t-truf ma' għandhomx jinħadmu b'mod li tinħoloq instabbilità. Prevenzjoni ta' l-instabbilita' fl-uċuh.

## Anness VI

### Ħtiġiet speċjali applikabbli għal Industriji ta' l-Estrazzjoni tal-Minerali ta' taħt l-art

**1.** (1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 6, Parti II, min iħaddem li jkun responsabbli għall-post tax-xogħol kopert b'dan l-Anness għandu jiżgura li d-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà juri li jkunu Id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

ttieħdu l-miżuri kollha relevanti sabiex jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kollha kemm f'sitwazzjonijiet normali kif ukoll f'dawk kritiċi.

(2) Id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà għandu jiġi aġġornat regolarment u għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni fuq il-post tax-xogħol.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li x-xogħol kollu jkun imwettaq skond id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

Pjanti ta' xogħlijiet taħt l-art.

**2.** (1) Min iħaddem għandu jipprepara pjanijiet ta' xogħlijiet taħt l-art, impinġija fuq skala, li jipprovdu rappreżentazzjoni ċara u li:

(a) juru t-toroq u ż-żoni tat-tlugħ tal-greġġ;

(b) juru karatteristiċi li jistgħu jinfluwenzaw is-sigurtà fuq ix-xogħol;

(c) għandhom ikunu aċċessibbli faċilment; u

(d) għandhom jinżammu għal tul ta' żmien skond il-ħtieġa għal skopijiet ta' sigurtà.

(2) Il-pjanijiet ta' xogħlijiet taħt l-art għandhom jiġu aġġornati perjodikament u għandhom ikunu disponibbli fuq il-post tax-xogħol.

Punti ta' ħruġ.

**3.** (1) Ix-xogħlijiet kollha taħt l-art għandu jkollhom aċċess għall-wiċċ permezz ta' mill-inqas żewġ punti ta' ħruġ separati li huma mibnija tajjeb u aċċessibbli faċilment għall-ħaddiema ta' taħt l-art.

(2) Jekk ikun hemm involut sforz fiżiku konsiderevoli biex dawn jiġu mħejjija, għandhom ikunu disponibbli għall-punti ta' ħruġ imsemmija faċilitajiet mekkaniċi ta' manwinding jew manriding.

Xogħlijiet.

**4.** Xogħlijiet fejn isiru xogħol taħt l-art għandhom jinbnew, jiġu operati, mgħammra u miżmuma sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu u jiċċaqilqu fihom b'riskju minimu.

**5.** It-toroq għandhom ikunu mmarkati sabiex jgħinu lill-ħaddiema biex isibu triqthom madwar ix-xogħlijiet..

Faċilitajiet ta' trasport.

**6.** Għandhom ikunu installati, operati u miżmuma faċilitajiet ta' trasport b'tali mod li jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tas-sewwieqa, l-utenti u persuni oħrajn fil-viċinanza.

**7.** Il-faċilitajiet mekkaniċi ta' manwinding jew manriding għandhom ikunu installati sew u użati skond l-istruzzjonijiet bil-miktub. Faċilitajiet ta' manwinding jew manriding.

**8.** (1) Għandu jiġi provdut appoġġ kemm jista' jkun malajr wara l-iskavazzjoni, ħlief fejn minħabba l-istabbilità ta' l-art dan ma jkunx neċessarju għall-ħaddiema. Provvista ta' appoġġ wara l-iskavazzjoni.

(2) Dan għandu jkun installat skond il-pjanijiet u l-istruzzjonijiet bil-miktub.

**9.** Ix-xogħlijiet aċċessibbli għall-ħaddiema għandhom ikunu spezzjonati regolarment għall-istabbilità ta' l-art u l-appoġġ kollu għandu jkun miżmum kif adatt.

**10.** (1) Ix-xogħlijiet taħt l-art li għalihom huwa permess aċċess għandhom ikunu ventilati b'mod xieraq. Ventilazzjoni adegwata.

(2) Għandu jkun hemm ventilazzjoni kontinwa sabiex iżżomm:

(a) atmosfera sana;

(b) atmosfera fejn ir-riskji ta' splużjoni u trab li jista' jinbela' bin-nifs jinżammu taħt kontroll;

(c) atmosfera fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu adegwati waqt li x-xogħol ikun għaddej, waqt li jiġu kkunsidrati wkoll il-metodi tax-xogħol użati u l-ħtiġijiet fiżiċi imposti fuq il-ħaddiema.

**11.** (1) Fejn il-ħtiġijiet preċedenti ma jkunux jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' ventilazzjoni naturali, il-ventilazzjoni prinċipali għandha tiġi pprovduta permezz ta' fan mekkaniku, wieħed jew aktar. Ventilazzjoni mekkanika.

(2) Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex jiżgura ventilazzjoni stabbli u kontinwa.

(3) Id-depressjoni tal-fannijiet prinċipali għandhom ikunu sorveljati kontinwament b' l-alarm awtomatiku li jindika waqfien mhux ippjanat.

**12.** (1) Il-parametri tal-ventilazzjoni għandhom jitkejlu u jiġu reġistrati perjodikament.

(2) Pjan ta' ventilazzjoni li jinkludi d-dettalji relevanti tas-sistema ta' ventilazzjoni għandu jiġi ppreparat u jinżamm aġġornat perjodikament u jkun disponibbli fuq il-post tax-xogħol.

Mini gassuzi.

**13**. (1) Xogħol taħt l-art għandu jitqies gassuż jekk ikun probabbli li jiġi rilaxxjat firedamp fi kwantità li biha ma jkunx jista' jiġi eskluż ir-riskju ta' formazzjoni ta' atmosfera splussiva.

(2) Il-ventilazzjoni prinċipali għandha tkun provduta minn fann mekkaniku, wieħed jew aktar.

Eliminazzjoni ta' riskji mill-emissjoni ta' firedamp.

**14.** (1) Minkejja li x-xogħol għandu jipproċedi waqt li tittieħed in konsiderazzjoni l-emissjoni ta' firedamp, min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji biex jelimina kemm jista' jkun ir-riskji li joħorġu mill-firedamp.

(2) Il-kejl tal-ventilazzjoni msemmi fir-regolament preċ edenti 12 għandu jkun supplimentat b'determinazzjonijiet ta' firedamp.

(3) Fejn meħtieġ mid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà, il-livell ta' firedamp għandu jkun sorveljat ukoll kontinwament fil-passaġġi ta' l-arja li jkunu sejrin lura mill-unitajiet tal-produzzjoni bl-użu ta' estrazzjoni jew underwinning mekkaniċi u fit-truf ta' xogħlijiet bit-tarf moħbi mekkanizzat.

Sistema ta' ventilazzjoni awżiljarja.

**15.** (1) Il-ventilazzjoni awżiljarja għandha tkun limitata għal xogħol ta' żvilupp u u salvataġġ u għal postijiet b'konnessjoni diretta mal-kurrent tal-ventilazzjoni prinċipali.

(2) Ix-xogħlijiet tal-produzzjoni jistgħu jiġu ventilati b'sistemi awżiljari biss jekk min iħaddem jieħu l-miżuri addizzjonali xierqa sabiex jiżgura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(3) Kull miżura meħuda taħt il-paragrafu preċedenti għandha tkun inkluża fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

Limitazzjoni fuq użu ta' splussivi għal mini gassuzi.

**16.** Jistgħu jintużaw biss splussivi u mezzi tal-qbid maħsuba speċifikament għal mini tal-gass.

Projbizzjonijiet fuq it-tipjip, eċċ.

**17.** (1) It-tipjip, ġarr ta' tabakk għat-tipjip u kull oġġett li jista' jintuża biex jipproduċi fjamma huma pprojbiti.

(2) Qtugħ li fjammi, welding u operazzjonijiet simili huma permessi biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u suġġetti għall-introduzzjoni minn min iħaddem ta' miżuri speċifiċi li jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(3) Kwalunkwe miżura meħuda taħt il-paragrafu preċedenti għandha tkun inkluża fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**18.** (1) Il-mini tal-faħam għandhom jitqiesu suxxettibbli għal trabijiet li jaqbdu, ħlief f'każijiet fejn id-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà juri li l-ebda waħda mit-truf maħduma ma fiha trab li jista' jikkawża splużjoni.

Mini li fihom trabijiet li jaqbdu.

(2) F'mini bi trab li jaqbad għandhom japplikaw mutatis mutandis ir-regolamenti 16 u 17.

**19.** (1) Min iħaddem għandu jieħu l-passi neċessarji sabiex inaqqas id-depożiti ta' trab li jaqbad u sabiex ineħħi, jinnewtralizza jew jgħaqqad dan it-trab.

(2) Il-miżuri meħuda taħt il-paragrafu preċedenti għandhom ikunu inklużi fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**20.** (1) Min iħaddem għandu jinstalla sistema ta' barrieri kontra l-isplużjonijiet sabiex tillimita l-firxa ta' splużjonijiet tat-trab li jaqbad u, jew tal-firedamp li jistgħu iqabbdu aktar splużjonijiet tat-trab.

(2) Il-postijiet tal-barrieri kontra l-isplużjonijiet hawn fuq imsemmija għandhom ikunu inklużi fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**21.** F'żoni suxxettibbli għal kombustjonijiet tal-gass bit-titjir jew mingħajru ta' minerali jew blat, tfaqqiegħ tal-blat jew dħul ta' l-ilma, min iħaddem għandu jħejji u jimplimenta pjan ta' operazzjoni sabiex jiżgura, kemm jista' jkun, sistema ta' xogħol mingħajr periklu u l-protezzjoni tal-ħaddiema.

Kombustjonijiet tal-gass, tal-blat u dħul ta' l-ilma.

**22.** (1) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex jidentifika zoni ta' riskju, jipproteġi ħaddiema fuq xogħol li jersaq lejn jew li jaqsam dawn iz-zoni, u jikkontrolla r-riskji.

Identifikazzjoni ta' zoni ta' riskju.

(2) Il-miżuri meħuda taħt il-paragrafu preċedenti għandhom ikunu inklużi fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

**23.** Min iħaddem għandu jiżgura l-prevenzjoni u, fejn hu xieraq, is-sejba minn kmieni ta' kombustjoni spontanja.

Nirien, kombustjonijiet u shanat.

**24.** Materjal li jaqbad meħud fuq xogħol taħt l-art għandu jkun limitat għal kwantitajiet li huma strettament neċessarji.

Limitazzjoni fuq il-kwantitajiet ta' materjali li jaqbdu mtaħt l-art.

**25.** (1) F'każijiet fejn huwa neċessarju li jintużaw fluwidi idrawliċi, għandhom, kemm jista' jkun, jintużaw fluwidi li diffiċli biex jaqbdu sabiex jiġi evitat ir-riskju tan-nirien u l-firxa tagħhom.

Fluwidi idrawliċi.

(2) Il-fluwidi idrawliċi għandhom jissodisfaw speċifikazzjonijiet u kundizzjonijiet ta' test li għandhom x'jaqsmu mar-reżistenza min-nirien u l-kriterji ta' l-iġjene.

(3) Fejn jintużaw fluwidi idrawliċi li ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet, il-kriterji u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti, għandhom jintużaw prekawzjonijiet addizzjonali sabiex jiġi evitat ir-riskju tan-nirien.

Provvista ta' mezzi ta' protezzjoni respiratorji li jintużaw mill-individwu għall-ħaddiema.

**26.** (1) Il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti, fejn ikun neċessarju, b'mezzi ta' protezzjoni respiratorji li jintużaw mill-individwu biex isalva lilu nnifsu biex jippermettulhom jirtiraw mingħajr periklu.

(2) Il-ħaddiema għandhom dejjem iżommu dawn il-mezzi fejn jilħquhom.

(3) Min iħaddem għandu jipprovdi lill-ħaddiema b'taħriġ fl-użu ta' dawn il-mezzi.

Provvista ta' lampa personali xierqa għall-ħaddiema.

**27.** Il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti b'lampa personali kif imiss.

Dawl artifiċjali fuq il-postijiet tax-xogħol.

**28.** L-istazzjonijiet ta' ħidma għandhom ikunu mgħammra, kemm jista' jkun, b'dawl artifiċjali adegwat għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

**29.** L-istallazzjonijiet tad-dawl għandhom jitqiegħdu b'tali mod li ma jkunx hemm xi riskju ta' inċidenti għall-ħaddiema bħala riżultat tat-tip ta' dawl installat.

Għarfien tal-pożizzjoni tal-ħaddiema.

**30.** (1) Min iħaddem għandu jintroduċi miżuri sabiex jiżgura li jkun possibbli li wieħed ikun jaf min qiegħed taħt l-art fi kwalunkwe ħin.

(2) Kull miżura bħal din għandha tkun inkluża fid-Dokument tas-Saħħa u s-Sigurtà.

Twaqqif ta' organizzazzjoni tas-salvataġġ adegwat.

**31.** (1) Min iħaddem għandu jistabbilixxi organizzazzjoni tas-salvataġġ adegwat sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni xierqa u effettiva fil-każ ta' xi inċident kbir.

(2) L-organizzazzjoni tas-salvataġġ għandu jkollha għad-dispożizzjoni tagħha numru biżżejjed ta' ħaddiema mħarrġa u tagħmir tas-salvataġġ adegwat sabiex tkun tista' taġixxi fi kwalunkwe sit fejn ikunu għaddejjin xogħlijiet esplorattivi jew ta' estrazzjoni taħt l-art.

Stallazzjonijiet sanitarji.

**32.** Stallazzjonijiet sanitarji jistgħu jkunu jinsabu fuq il-wiċċ.

## Skeda I

## Kontenut ta' l-Eżamijiet Ġeotekniċi

### Stħarriġ tas-sit

1. Pjan preċiż li għandu jiġi ppreparat fuq skala b'dettall ta' mhux inqas minn 1: 2500 li juri -

(a) it-truf tal-barriera jew tal-bini li fuqhom l-iskavazzjoni jew l-iskavazzjoni proposta tinsab jew għandha tkun tinsab;

(b) is-sit ta' l-iskavazzjoni jew ta' l-iskavazzjoni proposta;

(c) kull art jew strutturi kontigwi li jistgħu jiġu milquta bl-iskavazzjoni jew bl-iskavazzjoni proposta; u

(d) kull xogħol tal-mini (kemm jekk abbandunat u kemm jekk le), xogħol tal-barrieri midfun, sistemi ta' għerien magħrufa, irdim attiv jew preċedenti, fawwara, għejjun artesjani, nixxiegħat u karatteristiċi oħrajn naturali jew magħmulin mill-bniedem inklużi pajpijiet jew gandotti tal-mini li jistgħu jolqtu is-sigurtà ta' l-iskavazzjoni jew ta' l-iskavazzjoni proposta jew li jistgħu jkunu relevanti għall-iskop li jiġi determinat jekk l-operazzjonijiet ta' l-iskavar jistghux isiru mingħajr periklu jew le.

### Investigazzjoni tas-sit

2. Reġistru ta' l-informazzjoni ta' l-investigazzjoni tas-sit relevanti kollha inklużi stħarriġ, testijiet, kejl tal-boreholes u ta' l-ilma ta' taħt l-art magħmulin għall-iskop ta' l-eżami ġeotekniku flimkien ma' riżultati ta' kwalunkwe test inkluż is-saħħa tal-materjali fil-ponta tan-niżla skavata. Ir-reġistru għandu jinkludi kull informazzjoni storika relevanti magħrufa dwar l-investigazzjoni tas-sit.

### *Cross-sections* ibbażati fuq l-investigazzjoni tas-sit

3. Cross-sections preċiżi biżżejjed fuq skala ta' dettall ta' mhux inqas minn 1:1250 tas-sit ta' l-iskavazzjoni jew ta' l-iskavazzjoni proposta li turi l-wiċċ ta' l-art eżistenti u l-materjali superfiċjali kollha relevanti u s-sodda ta' blat ta' taħt is-sit u -

(a) kull varjazzjoni fil-ħxuna, livell jew natura tad-depożiti superfiċjali u l-materjali tas-sodda ta' blat fuq l-investigazzjoni tas-sit; u

(b) il-pożizzjoni ta' kull wiċċ kemm jekk naturali u kemm jekk magħmul mill-bniedem li jista' jaffetwa s-sigurtà ta' l-iskavazzjoni jew ta' l-iskavazzjoni proposta.

**Pjanti bbażati fuq l-investigazzjoni tas-sit**

4. Pjanti li juru l-pożizzjoni tal-boreholes, bjar u minjieri ta' prova kollha użati fl-investigazzjoni tas-sit u l-post u l-livelli tal-materjali u l-uċuh kollha li jistgħu jolqtu s-sigurtà ta' l-iskavazzjoni jew ta' l-iskavazzjoni proposta.

**Preżunzjonijiet magħmula qabel l-analiżi**

5. Reġistru ta' kull preżunzjoni relevanti għall-eżami tal-kundizzjonijiet ta' l-art li għandhom x'jaqsmu mas-sigurtà ta' l-iskavazzjoni magħmul mill-ispeċjalist ġeotekniku inkluż record ta' kull informazzjoni relevanti li ma kienetx disponibbli meta sar l-eżami.

**Sejbiet ta' l-analiżi**

6. Reġistru ta' kalkolazzjonijiet li jkunu saru sabiex tiġi determinata s-sigurtà ta' l-iskavazzjoni, inklużi l-varjanti jew il-parametri kollha użati f'dawk il-kalkolazzjonijiet u r-raġunijiet għall-użu tagħhom u s-sejbiet ta' dawk il-kalkolazzjonijiet espressi bħala l-fattur tas-sigurtà jew il-probabilità ta' falliment jew bażi rikonoxxuta oħra ta' kif tiġi eżaminata l-istabbilità.

**Disinn li joħroġ mill-analiżi**

7. Pjanta preċiża fuq skala ta' dettall ta' mhux inqas minn 1:2500 li tindika, fejn għandu x'jaqsam ma' l-iskavazzjonijiet jew l-iskavazzjonijiet proposti, id-disinn ta' l-iskavazzjoni inkluż l-għoli jew l-għoli propost tan-niżla, il-pożizzjoni u l-wisa' ta' xi bankijiet u kontorni rappreżentattivi ta' l-iskavazzjoni f'intervalli vertikali ta' mhux aktar minn 5 metri.

**Ħtiġijiet għal waqt u għal wara l-kostruzzjoni**

8. Reġistru tax-xorta u l-iskop ta' l-ispezzjoni, sorveljanza u miżuri tas-sigurtà neċessarji sabiex jiżguraw is-sigurtà ta' l-iskavazzjoni u speċifikazzjoni ta' xogħlijiet ta' l-inġinerija u miżuri tas-sigurtà neċessarji. Reġistru ta' l-azzjoni li għandha tittieħed fejn jidħlu d-difetti speċifikati fir-rapport.